



2021/0191(COD)

30.11.2021

*****I**

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bonds ekoloġiċi Ewropej
(COM(2021)0391 – C9-0311/2021 – 2021/0191(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Paul Tang

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-**tipa korsiva u grassa** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-**tipa korsiva u grassa** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-**tipa korsiva u grassa** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-test il-ġodda huma indikati permezz tat-**tipa korsiva u grassa**. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-**tipa korsiva u grassa** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	104

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bonds ekoloġiċi Ewropej
(COM(2021)0391 – C9-0311/2021 – 2021/0191(COD))**

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0391),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0311/2021),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-5 ta' Novembru 2021¹,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta' ...²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0000/2021),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

² Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) It-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, **aktar** sostenibbli, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, ċirkolari u ġusta hija kruċjali biex jiġu żgurati l-kompetittività fit-tul tal-ekonomija tal-Unjoni u l-benessri tal-popli tagħha. Fl-2016, l-Unjoni kkonkludiet il-Ftehim ta' Pariġi³¹. Il-punt (c) tal-Artikolu 2(1) tal-Ftehim ta' Pariġi jistabbilixxi l-oġettiv li jissaħħaħ ir-rispons għat-tibdil fil-klima billi, fost affarijiet oħrajn, il-flussi tal-finanzi jsiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet tal-gassijiet serra baxxi u żvilupp reżiljenti għall-klima.

³¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4).

Emenda

(1) It-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, sostenibbli, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, ċirkolari u ġusta hija kruċjali biex jiġu żgurati l-kompetittività fit-tul tal-ekonomija tal-Unjoni u l-benessri tal-popli tagħha. Fl-2016, l-Unjoni kkonkludiet il-Ftehim ta' Pariġi³¹. Il-punt (c) tal-Artikolu 2(1) tal-Ftehim ta' Pariġi jistabbilixxi l-oġettiv li jissaħħaħ ir-rispons għat-tibdil fil-klima billi, fost affarijiet oħrajn, il-flussi tal-finanzi jsiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet tal-gassijiet serra baxxi u żvilupp reżiljenti għall-klima.

³¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4).

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Novembru 2016 dwar Il-passi li jmiss għal ġejjieni Ewropew sostenibbli torbot l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli (SDGs) mal-qafas ta'

politika tal-Unjoni biex tiżgura li l-azzjonijiet u l-inizjattivi ta' politika kollha tal-Unjoni jinkorporaw l-SDGs. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill ikkonferma l-impenn tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-SDGs b'mod sħiħ, koerenti, komprensiv, integrat u effettiv, u f'kooperazzjoni mill-qrib ma' sħab u ma' partijiet ikkonċernati oħra. It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jirriflettu d-dimensjonijiet soċjali u ambjentali tagħha.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Il-Pjan ta' Investiment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew tal-14 ta' Jannar 2020³² jipprevedi l-istabbiliment ta' standard għall-bonds ambjentalment sostenibbli biex ikomplu jiżdiedu l-opportunitajiet ta' investiment u tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni ta' investimenti ambjentalment sostenibbli permezz ta' tikketta ċara. Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2020, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposta leġiżlattiva għal standard għall-bonds ekoloġiċi³³.

Emenda

(2) Il-Pjan ta' Investiment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew tal-14 ta' Jannar 2020³² jipprevedi l-istabbiliment ta' standard għall-bonds ambjentalment sostenibbli biex ikomplu jiżdiedu l-opportunitajiet ta' investiment u tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni ta' investimenti ambjentalment sostenibbli permezz ta' tikketta ċara. Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2020, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposta leġiżlattiva għal standard għall-bonds ekoloġiċi³³. ***Fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tad-29 ta' Mejju 2018 dwar il-finanzi sostenibbli^{33a} u tat-13 ta' Novembru 2020 dwar il-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli - Kif niffinanzjaw il-Patt Ekoloġiku^{33b}, il-Parlament Ewropew issottolinja l-ħtieġa ta' standard Ewropew għall-bonds ekoloġiċi.^{33a}***

³² COM(2020) 21 final.

³³ EUCO 22/20.

³² COM(2020) 21 final.

³³ EUCO 22/20.

^{33a} *ĠU C 76, 9.3.2020, p. 23.*

^{33b} *ĠU C 415, 13.10.2021, p. 22.*

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Il-kisba tal-għanijiet klimatiċi u ta' sostenibbiltà tal-Unjoni tirrikjedi li l-flussi ta' kapital jiġu diretti lejn investimenti sostenibbli. Fid-dawl tal-iskala tal-isfida u l-ispejjeż assoċjati ma' nuqqas ta' azzjoni jew ma' azzjoni tardiva, jenħtieġ li s-sistema finanzjarja tal-Unjoni u l-istrumenti tagħha jiġu adattati gradwalment biex jappoġġaw il-funzjonament sostenibbli tal-ekonomija. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-finanzjament sostenibbli jsir ewlieni fil-proċess u jenħtieġ li jitqies l-impatt fir-rigward tas-sostenibbiltà ta' prodotti u s-servizzi finanzjarji. Billi jiġu stimolati investimenti ġodda f'attivitajiet ekonomiċi sostenibbli, il-bonds sostenibbli huma f'pożizzjoni partikolarment tajba biex tiġi stimolata t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 3

(3) Il-bonds **ambjentalment** sostenibbli huma wieħed mill-istrumenti ewlenin għall-finanzjament ta' investimenti relatati ma' teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, mal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi kif ukoll mal-infrastruttura tat-trasport u mal-infrastruttura tar-riċerka sostenibbli. L-impriżi finanzjarji jew mhux finanzjarji, jew is-sovrani jistgħu joħorġu dawn il-bonds. Diversi inizjattivi eżistenti għall-bonds **ambjentalment** sostenibbli ma jiżgurawx definizzjonijiet komuni ta' attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli. Dan jipprevjeni lill-investituri milli jidentifikaw faċilment bonds li rikavati minnhom ikunu allinjati ma', jew ikunu qed jikkontribwixxu għal objettivi **ambjentali** kif stabbilit fil-Ftehim ta' Pariġi.

(3) Il-bonds sostenibbli huma wieħed mill-istrumenti ewlenin għall-finanzjament ta' investimenti relatati ma' teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, mal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi kif ukoll mal-infrastruttura tat-trasport u mal-infrastruttura tar-riċerka sostenibbli. L-impriżi finanzjarji jew mhux finanzjarji, jew is-sovrani jistgħu joħorġu dawn il-bonds. Diversi inizjattivi eżistenti għall-bonds sostenibbli ma jiżgurawx definizzjonijiet komuni ta' attivitajiet ekonomiċi ambjentalment **u soċjalment** sostenibbli. Dan jipprevjeni lill-investituri milli jidentifikaw faċilment bonds li rikavati minnhom ikunu allinjati ma', jew ikunu qed jikkontribwixxu għal objettivi **ta' sostenibbiltà** kif stabbilit fil-Ftehim ta' Pariġi **u fl-SDGs**.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 5

(5) Fl-iżgurar tal-allinjament mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, u minħabba d-diverġenzi eżistenti u n-nuqqas ta' regoli komuni, huwa probabbli li l-Istati Membri jadottaw miżuri u approċċi diverġenti, li se jkollhom impatt negattiv dirett fuq, u joħolqu ostakli għall-funzjonament xieraq tas-suq intern, u jkunu ta' detriment għall-emittenti ta' bonds ambjentalment sostenibbli. L-iżvilupp parallel tal-prattiki tas-suq abbażi ta' prijoritajiet xprunati kummerċjalment li jipproduċu riżultati diverġenti jikkawża frammentazzjoni tas-suq u jirriskja li jkompli jaggrava l-

(5) Fl-iżgurar tal-allinjament mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, u minħabba d-diverġenzi eżistenti u n-nuqqas ta' regoli komuni, huwa probabbli li l-Istati Membri jadottaw miżuri u approċċi diverġenti, li se jkollhom impatt negattiv dirett fuq, u joħolqu ostakli għall-funzjonament xieraq tas-suq intern, u jkunu ta' detriment għall-emittenti ta' bonds ambjentalment sostenibbli. L-iżvilupp parallel tal-prattiki tas-suq abbażi ta' prijoritajiet xprunati kummerċjalment li jipproduċu riżultati diverġenti jikkawża frammentazzjoni tas-suq u jirriskja li jkompli jaggrava l-

ineffiċjenzi fil-funzjonament tas-suq intern. Standards u prattiki tas-suq diverġenti jagħmluha diffiċli li jitqabblu bonds differenti, joħlqu kundizzjonijiet tas-suq mhux uniformi għall-emittenti, jikkawżaw ostakli addizzjonali fis-suq intern, u jirriskjaw li jfixklu d-deċizzjonijiet dwar l-investment.

ineffiċjenzi fil-funzjonament tas-suq intern. Standards u prattiki tas-suq diverġenti jagħmluha diffiċli li jitqabblu bonds differenti, joħlqu kundizzjonijiet tas-suq mhux uniformi għall-emittenti, jikkawżaw ostakli addizzjonali fis-suq intern, u jirriskjaw ***il-greenwashing*** u li jfixklu d-deċizzjonijiet dwar l-investment.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) In-nuqqas ta' regoli armonizzati għall-proċeduri użati mir-rieżaminaturi esterni biex jirrieżaminaw il-bonds ***ambjentalment*** sostenibbli u d-definizzjonijiet diverġenti ta' attivitajiet ***ambjentalment*** sostenibbli jagħmluha dejjem aktar diffiċli għall-investituri biex iqabblu b'mod effettiv il-bonds fis-suq intern kollu fir-rigward tal-oġettivi ***ambjentali*** tagħhom. Is-suq għall-bonds ***ambjentalment*** sostenibbli huwa internazzjonali b'mod inerenti, bil-parteċipanti fis-suq jinnegozjaw bonds u jagħmlu użu minn servizzi ta' rieżami estern minn fornituri terzi bejn il-fruntieri. L-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tista' tnaqqas ir-riskju ta' frammentazzjoni tas-suq intern għall-bonds ***ambjentalment*** sostenibbli u għas-servizzi ta' rieżami estern relatati mal-bonds, u tiżgura l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴ fis-suq għal dawn il-bonds.

³⁴ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment

Emenda

(6) In-nuqqas ta' regoli armonizzati għall-proċeduri użati mir-rieżaminaturi esterni biex jirrieżaminaw il-bonds sostenibbli u d-definizzjonijiet diverġenti ta' attivitajiet sostenibbli jagħmluha dejjem aktar diffiċli għall-investituri biex iqabblu b'mod effettiv il-bonds fis-suq intern kollu fir-rigward tal-oġettivi ***ta' sostenibbiltà*** tagħhom. Is-suq għall-bonds sostenibbli huwa internazzjonali b'mod inerenti, bil-parteċipanti fis-suq jinnegozjaw bonds u jagħmlu użu minn servizzi ta' rieżami estern minn fornituri terzi bejn il-fruntieri. L-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tista' tnaqqas ir-riskju ta' frammentazzjoni tas-suq intern għall-bonds sostenibbli u għas-servizzi ta' rieżami estern relatati mal-bonds, u tiżgura l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴ fis-suq għal dawn il-bonds.

³⁴ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment

sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) Sabiex jiġi ffaċilitat it-tqabbil bejn il-ħruġ ta' bonds sostenibbli differenti u tiġi mħeġġa l-istandardizzazzjoni tal-ġbir tad-data fir-rigward tal-bonds ekoloġiċi, jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' trasparenza japplikaw għall-bonds kollha li huma kkummerċjalizzati fl-Unjoni bħala sostenibbli. Sabiex titrawwem il-protezzjoni tal-investituri u jiġi evitat il-greenwashing ta' bonds ikkummerċjalizzati bħala sostenibbli, l-informazzjoni żvelata fir-rigward ta' tali bonds jenħtieġ li tkun soġġetta għall-istess standard ta' verifika esterna bħal dak li japplika għall-bonds ekoloġiċi Ewropej.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) Filwaqt li jitfakkar l-impenn konġunt tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni li jiġu segwiti l-prinċipji minquxa fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali b'appoġġ tat-tkabbir sostenibbli u inklużiv, u b'rikonoxximent tar-rilevanza tal-istandards

internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol minimi, l-Unjoni adottat kunċett wiesa' ta' sostenibbiltà, li jinkludi aspetti ambjentali, soċjali, u ta' governanza. F'dak il-kuntest, u f'konformità mad-definizzjoni ta' investiment sostenibbli fir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}, jenħtieġ li l-attivitajiet ambjentalment sostenibbli ma jagħmlux dannu lill-obiettivi tas-sostenibbiltà soċjali. Għaldaqstant, il-bonds ambjentalment sostenibbli jenħtieġ li jaderixxu mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" msemmi fir-Regolament (UE) 2019/2088, u jqisu l-istandards tekniċi regolatorji adottati skont dak ir-Regolament li jispeċifikaw aktar dak il-prinċipju. Dan jinkludi l-allinjament mal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, inkluża d-dikjarazzjoni dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), it-tmien konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO u l-Karta Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO jiddefinixxu d-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol li l-impriżi jenħtieġ li jirrispettaw. Bosta minn dawn l-istandards internazzjonali huma minquxa wkoll fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-projbizzjoni tal-iskjavitù u tax-xogħol furzat u l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

^{1a} Ir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji (ĠU L 317, 9.12.2019, p. 1).

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Ir-rikavati mill-bonds ekoloġiċi Ewropej jenħtiegħ li jintużaw biex jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi li jkollhom impatt pożittiv dejjiemi fuq l-ambjent. Dan l-impatt pożittiv dejjiemi jista' jinkiseb b'diversi modi. Peress li l-assi fissi huma assi fit-tul, l-ewwel mod huwa li jintużaw ir-rikavati minn dawn il-bonds ekoloġiċi Ewropej biex jiffinanzjaw jew jiffinanzjaw mill-ġdid assi fissi tanġibbli jew assi fissi intanġibbli li ma jkunux assi finanzjarji, dment li dawk l-assi fissi jkunu relatati ma' attivitajiet ekonomiċi li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852 (ir-"rekwiżiti tat-tassonomija"). Peress li l-assi finanzjarji jistgħu jintużaw biex jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi b'impatt pożittiv dejjiemi fuq l-ambjent, it-tieni mod huwa li jintużaw dawk ir-rikavati biex jiffinanzjaw assi finanzjarji, dment li r-rikavati minn dawk l-assi finanzjarji jiġu allokat i għal attivitajiet ekonomiċi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-tassonomija. Peress li l-assi tal-unitajiet domestiċi jista' jkollhom ukoll impatt pożittiv fit-tul fuq l-ambjent, dawk l-assi finanzjarji jenħtiegħ li jinkludu wkoll l-assi tal-unitajiet domestiċi. Peress li n-nefqa kapitali u n-nefqa operattiva magħżula jistgħu jintużaw biex jinkisbu, jittejbu, jew jinżammu assi fissi, it-tielet mod huwa li jintużaw ir-rikavati minn dawn il-bonds biex jiffinanzjaw nefqiet kapitali u operattivi li jkunu relatati ma' attivitajiet ekonomiċi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-tassonomija jew li se jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti f'perjodu raġonevolment qasir mill-ħruġ tal-bond

Emenda

(9) Ir-rikavati mill-bonds ekoloġiċi Ewropej jenħtiegħ li jintużaw biex jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi **sostenibbli** li jkollhom impatt pożittiv dejjiemi fuq l-ambjent. Dan l-impatt pożittiv dejjiemi jista' jinkiseb b'diversi modi. Peress li l-assi fissi huma assi fit-tul, l-ewwel mod huwa li jintużaw ir-rikavati minn dawn il-bonds ekoloġiċi Ewropej biex jiffinanzjaw jew jiffinanzjaw mill-ġdid assi fissi tanġibbli jew assi fissi intanġibbli li ma jkunux assi finanzjarji, dment li dawk l-assi fissi jkunu relatati ma' attivitajiet ekonomiċi li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852 (ir-"rekwiżiti tat-tassonomija"). Peress li l-assi finanzjarji jistgħu jintużaw biex jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi b'impatt pożittiv dejjiemi fuq l-ambjent, it-tieni mod huwa li jintużaw dawk ir-rikavati biex jiffinanzjaw assi finanzjarji, dment li r-rikavati minn dawk l-assi finanzjarji jiġu allokat i għal attivitajiet ekonomiċi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-tassonomija. Peress li l-assi tal-unitajiet domestiċi jista' jkollhom ukoll impatt pożittiv fit-tul fuq l-ambjent, dawk l-assi finanzjarji jenħtiegħ li jinkludu wkoll l-assi tal-unitajiet domestiċi. Peress li n-nefqa kapitali u n-nefqa operattiva magħżula jistgħu jintużaw biex jinkisbu, jittejbu, jew jinżammu assi fissi, it-tielet mod huwa li jintużaw ir-rikavati minn dawn il-bonds biex jiffinanzjaw nefqiet kapitali u operattivi li jkunu relatati ma' attivitajiet ekonomiċi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-tassonomija jew li se jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti f'perjodu raġonevolment qasir mill-ħruġ tal-bond

ikkonċernat, li madankollu jista' jiġi estiż meta jkun debitament iġġustifikat mill-karatteristiċi speċifiċi tal-attivitajiet ekonomiċi u l-investimenti kkonċernati. Għar-raġunijiet deskritti hawn fuq, in-nefġiet kapitali u operattivi jenħtieġ li jinkludu wkoll in-nefġiet tal-unitajiet domestiċi.

ikkonċernat, li madankollu jista' jiġi estiż meta jkun debitament iġġustifikat mill-karatteristiċi speċifiċi tal-attivitajiet ekonomiċi u l-investimenti kkonċernati. Għar-raġunijiet deskritti hawn fuq, in-nefġiet kapitali u operattivi jenħtieġ li jinkludu wkoll in-nefġiet tal-unitajiet domestiċi.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) L-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 jiddistingwi l-attivitajiet ambjentalment sostenibbli minn attivitajiet ekonomiċi tranżitorji li għalihom ma hemm l-ebda alternattiva teknoloġikament u ekonomikament fattibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Din id-distinzjoni jenħtieġ li ssir ukoll fir-rigward tal-bonds sostenibbli, u jenħtieġ li tiġi ggarantita trasparenza sħiħa fil-perċentwal tar-rikavati mill-bonds allokatu għal attivitajiet tranżitorji.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 9b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9b) Dan ir-Regolament għandu l-għan li joħloq standard ta' referenza għall-bonds ekoloġiċi. Għalhekk, jenħtieġ li ma jimminax l-aħjar prattiki attwali tas-suq.

Il-prattika attwali tas-suq hija li ma jiġix allokati ir-rikavat ta' bonds ekoloġiċi għall-infiq relatat mal-ġenerazzjoni tal-gass jew tal-enerġija nukleari. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-bonds ekoloġiċi Ewropej ma jiffinanzjawx attivitajiet li jikkonċernaw il-ġenerazzjoni tal-elettriku bl-użu tal-ġenerazzjoni tal-enerġija nukleari jew il-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-gass naturali.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Is-sovrani huma emittenti frekwenti ta' bonds ambjentalment sostenibbli u għalhekk jenħtieġ li jitħallew jorghu wkoll "bonds ekoloġiċi Ewropej", dment li r-rikavat minn dawn il-bonds jintuża għall-finanzjament ta' assi jew nefqa li jissodisfaw it-tassonomija, jew ta' assi jew nefqa li se jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti f'perjodu raġonevolment qasir mill-ħruġ tal-bond ikkonċernat, li madankollu jista' jiġi estiż meta jkun debitament iġġustifikat mill-karatteristiċi speċifiċi tal-attivitajiet ekonomiċi u l-investimenti kkonċernati.

Emenda

(10) Is-sovrani huma emittenti frekwenti ta' bonds ambjentalment sostenibbli u għalhekk jenħtieġ li jitħallew jorghu wkoll "bonds ekoloġiċi Ewropej", dment li r-rikavat minn dawn il-bonds jintuża għall-finanzjament ta' assi jew nefqa li jissodisfaw it-tassonomija, jew ta' assi jew nefqa li se jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti f'perjodu raġonevolment qasir mill-ħruġ tal-bond ikkonċernat, li madankollu jista' jiġi estiż meta jkun debitament iġġustifikat mill-karatteristiċi speċifiċi tal-attivitajiet ekonomiċi u l-investimenti kkonċernati. ***L-investment pubbliku ekoloġiku jista' jiġi stimolat billi jiġu approvati dejn u defiċits fil-forma ta' bonds ekoloġiċi Ewropej u trattament ta' beneficiċju fil-qafas tal-governanza fiskali tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 10a (ġdida)

(10a) L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jenħtieġ li jaderixxu mal-istandards tal-Unjoni fl-ilħuq tal-objettivi ta' sostenibbiltà, inklużi dawk definiti mir-Regolament (UE) 2020/852. Għalhekk jenħtieġ li jużaw l-istandard tal-"bonds ekoloġiċi Ewropej" għal kwalunkwe ħruġ ta' bond ta' użu tar-rikavati li għandu s-sostenibbiltà ambjentali bħala l-objettiv tiegħu. Bħala emittent globali ewlieni tal-bonds ekoloġiċi, il-Bank Ewropew tal-Investment diġà impenja ruħu li jallinja l-programm ta' bonds ekoloġiċi tiegħu mal-istandard Ewropew tal-bonds ekoloġiċi.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11) L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2020/852 jirrikjedi lill-Istati Membri u lill-Unjoni japplikaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament biex jiġi ddeterminat jekk attività ekonomika tikkwalifikax bħala ambjentalment sostenibbli għall-finijiet ta' kwalunkwe miżura li tistabbilixxi rekwiżiti għall-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jew għall-emittenti fir-rigward ta' prodotti finanzjarji jew bonds korporattivi li jsiru disponibbli bħala ambjentalment sostenibbli. Għalhekk, huwa loġiku li l-kriterji tekniċi tal-iskrinjar imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852 jenħtieġ li jiddeterminaw liema assi fissi, nefqiet u assi finanzjarji jistgħu jiġu ffinanzjati permezz tar-rikavati mill-bonds ekoloġiċi Ewropej. Fid-dawl tal-progress

(11) L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2020/852 jirrikjedi lill-Istati Membri u lill-Unjoni japplikaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament biex jiġi ddeterminat jekk attività ekonomika tikkwalifikax bħala ambjentalment sostenibbli għall-finijiet ta' kwalunkwe miżura li tistabbilixxi rekwiżiti għall-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jew għall-emittenti fir-rigward ta' prodotti finanzjarji jew bonds korporattivi li jsiru disponibbli bħala ambjentalment sostenibbli. Għalhekk, huwa loġiku li l-kriterji tekniċi tal-iskrinjar imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852 jenħtieġ li jiddeterminaw liema assi fissi, nefqiet u assi finanzjarji jistgħu jiġu ffinanzjati permezz tar-rikavati mill-bonds ekoloġiċi Ewropej. Fid-dawl tal-progress

teknoloġiku mistenni fil-qasam tas-sostenibbiltà ambjentali, l-atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) jew 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 x'aktarx li jiġu rrieżaminati u emendati maż-żmien. Irrispettivament minn dawn il-bidliet, sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali lill-emittenti u lill-investituri u jiġi evitat li l-emendi fil-kriterji tekniċi tal-iskrinjar ikollhom impatt negattiv fuq il-prezz tal-bonds ekoloġiċi Ewropej li jkunu diġà nħarġu, l-emittenti jenħtieġ li jkunu jistgħu japplikaw il-kriterji tekniċi tal-iskrinjar applikabbli fil-mument li jkun inħareġ il-bond ekoloġiku Ewropew meta jiġu allokati r-rikavati minn dawn il-bonds għal assi jew nefqiet fissi eliġibbli, sal-maturità tal-bond. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-bonds ekoloġiċi Ewropej li r-rikavati minnhom jiġu allokati għal assi finanzjarji, jeħtieġ li jiġi ċċarat li l-attivitajiet ekonomiċi sottostanti ffinanzjati minn dawk l-assi finanzjarji jenħtieġ li jikkonformaw mal-kriterji tekniċi tal-iskrinjar applikabbli fil-mument li jkunu nħolqu l-assi finanzjarji. Meta l-atti delegati rilevanti jiġu emendati, l-emittent jenħtieġ li jalloka r-rikavat billi japplika l-atti delegati emendati fi żmien ħames snin.

teknoloġiku mistenni fil-qasam tas-sostenibbiltà ambjentali, l-atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) jew 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 x'aktarx li jiġu rrieżaminati u emendati maż-żmien. Irrispettivament minn dawn il-bidliet, sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali lill-emittenti u lill-investituri u jiġi evitat li l-emendi fil-kriterji tekniċi tal-iskrinjar ikollhom impatt negattiv fuq il-prezz tal-bonds ekoloġiċi Ewropej li jkunu diġà nħarġu, l-emittenti jenħtieġ li jkunu jistgħu japplikaw il-kriterji tekniċi tal-iskrinjar applikabbli fil-mument li jkun inħareġ il-bond ekoloġiku Ewropew meta jiġu allokati r-rikavati minn dawn il-bonds għal assi jew nefqiet fissi eliġibbli, sal-maturità tal-bond. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-bonds ekoloġiċi Ewropej li r-rikavati minnhom jiġu allokati għal assi finanzjarji, jeħtieġ li jiġi ċċarat li l-attivitajiet ekonomiċi sottostanti ffinanzjati minn dawk l-assi finanzjarji jenħtieġ li jikkonformaw mal-kriterji tekniċi tal-iskrinjar applikabbli fil-mument li jkunu nħolqu l-assi finanzjarji. Meta l-atti delegati rilevanti jiġu emendati, l-emittent jenħtieġ li jalloka r-rikavat billi japplika l-atti delegati emendati fi żmien ħames snin. ***Jenħtieġ li r-rikavati allokati preċedentement ma jkunux meħtieġa li jiġu riallokati wara bidla fl-atti delegati.***

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12a) L-emittenti ta' bonds ekoloġiċi Ewropej jenħtieġ li jużaw tali bonds bħala parti mill-istrateġija ġenerali tagħhom ta' sostenibbiltà. Għaldaqstant, l-emittenti jenħtieġ li jaderixxu ma' ċerti rekwiżiti ta'

sostenibbiltà fil-livell tal-entità. Dan jinkludi l-aderenza mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" imsemmi fir-Regolament (UE) 2019/2088, permezz tal-kunsiderazzjoni tal-impatti negattivi prinċipali fid-deċiżjonijiet ta' investiment, u billi jiġu allinjati mas-salvagwardji minimi kif stabbilit fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2020/852. Jenħtieġ ukoll li l-emittenti ma jwettqux prattiki ta' evitar tat-taxxa permezz ta' pajjiżi fil-lista tal-UE ta' ġuriżdiżjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 12b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12b) Il-bonds ekoloġiċi Ewropej għandhom l-għan li jgħinu lill-kumpaniji fit-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà. Bħala tali, jenħtieġ li l-bonds ekoloġiċi Ewropej jintużaw biss minn kumpaniji fuq perkors kredibbli biex isiru sostenibbli u li jaderixxu mal-Ftehim ta' Pariġi, mar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a} ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") u ma' xenarju ta' tisħin nett globali ta' 1.5 °C. Għalhekk, jenħtieġ li l-emittenti tal-bonds ekoloġiċi Ewropej jiżviluppaw pjan ta' tranżizzjoni li jindika kif se jiżguraw l-aderenza max-xenarju ta' tisħin globali ta' 1.5 °C u kif se jiksbu newtralità klimatika sal-2050.

^{1a} Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE)

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) L-investituri jenħtieġ li jingħataw l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġi evalwat l-impatt ambjentali tal-bonds **ekoloġiċi Ewropej**, u biex jitqabblu dawn il-bonds ma' xulxin. Għal dak il-fini, jeħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' żvelar speċifiċi u standardizzati li jipprovdu trasparenza dwar kif l-emittent ikun beħsiebu jalloka r-rikavati mill-bonds għal assi fissi, nefqiet u assi finanzjarji eliġibbli u kif dawk ir-rikavati fil-fatt ikunu ġew allokati. Din it-trasparenza tista' tinkiseb l-aħjar permezz ta' skedi informattivi dwar il-bonds **ekoloġiċi Ewropej** u rapporti tal-allokkazzjoni annwali. Sabiex tissaħħaħ il-komparabbiltà tal-bonds **ekoloġiċi Ewropej** u sabiex tiġi ffaċilitata l-lokalizzazzjoni ta' informazzjoni rilevanti, jeħtieġ li jiġu stabbiliti mudelli għall-iżvelar ta' din l-informazzjoni.

Emenda

(13) L-investituri jenħtieġ li jingħataw l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġi evalwat l-impatt ambjentali tal-bonds **sostenibbli**, u biex jitqabblu dawn il-bonds ma' xulxin. Għal dak il-fini, jeħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' żvelar speċifiċi u standardizzati li jipprovdu trasparenza dwar kif l-emittent ikun beħsiebu jalloka r-rikavati mill-bonds għal assi fissi, nefqiet u assi finanzjarji eliġibbli u kif dawk ir-rikavati fil-fatt ikunu ġew allokati. **L-istess jenħtieġ li jsir ukoll għal bonds sostenibbli li ma jallokaw l-ebda rikavat għal attivitajiet ekonomiċi speċifiċi iżda li huma marbuta mal-prestazzjoni ġenerali tas-sostenibbiltà ta' kumpanija.** Din it-trasparenza tista' tinkiseb l-aħjar permezz ta' skedi informattivi dwar il-bonds **sostenibbli Ewropej** u rapporti tal-allokkazzjoni annwali. Sabiex tissaħħaħ il-komparabbiltà tal-bonds **sostenibbli** u sabiex tiġi ffaċilitata l-lokalizzazzjoni ta' informazzjoni rilevanti, jeħtieġ li jiġu stabbiliti mudelli għall-iżvelar ta' din l-informazzjoni.

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 14

(14) L-investituri jenħtieġ li jibbenefikaw minn aċċess kosteffettiv għal informazzjoni affidabbli dwar il-bonds **ekoloġiċi Ewropej**. Għalhekk, l-emittenti tal-Bonds **Ekoloġiċi Ewropej** jenħtieġ li jikkuntrattaw lir-rieżaminaturi esterni biex jipprovdu rieżami ta' qabel il-ħruġ tal-iskeda informattiva dwar il-bonds **ekoloġiċi Ewropej**, u rieżamijiet ta' wara l-ħruġ tar-rapporti tal-allokkazzjoni annwali tal-bonds **ekoloġiċi Ewropej**.

(14) L-investituri jenħtieġ li jibbenefikaw minn aċċess kosteffettiv għal informazzjoni affidabbli dwar il-bonds **sostenibbli**. Għalhekk, l-emittenti tal-bonds **sostenibbli** jenħtieġ li jikkuntrattaw lir-rieżaminaturi esterni biex jipprovdu rieżami ta' qabel il-ħruġ tal-iskeda informattiva dwar il-bonds **sostenibbli**, u rieżamijiet ta' wara l-ħruġ tar-rapporti tal-allokkazzjoni annwali tal-bonds **sostenibbli**.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament Premessa 15

(15) L-emittenti tal-bonds ekoloġiċi Ewropej jenħtieġ li jirrispettaw l-impenji tagħhom lejn l-investituri u jallokaw ir-rikavat mill-bonds tagħhom fi żmien raġonevolment qasir wara l-ħruġ. Fl-istess ħin, l-emittenti jenħtieġ li ma jiġux ippenalizzati talli jallokaw rikavati mill-bonds għal attivitajiet ekonomiċi li jkunu għadhom ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tat-tassonomija, iżda li se jagħmlu dan fil-perjodu ta' ħames snin (jew fil-perjodu estiż ta' għaxar snin). L-emittenti jenħtieġ li fi kwalunkwe każ jallokaw ir-rikavati kollha mill-bonds ekoloġiċi Ewropej tagħhom qabel il-maturità ta' kull bond.

(15) L-emittenti tal-bonds ekoloġiċi Ewropej jenħtieġ li jirrispettaw l-impenji tagħhom lejn l-investituri u jallokaw ir-rikavat mill-bonds tagħhom fi żmien raġonevolment qasir wara l-ħruġ. Fl-istess ħin, l-emittenti jenħtieġ li ma jiġux ippenalizzati talli jallokaw rikavati mill-bonds għal attivitajiet ekonomiċi li jkunu għadhom ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tat-tassonomija, iżda li se jagħmlu dan fil-perjodu ta' ħames snin (jew fil-perjodu estiż ta' għaxar snin). **F'dak il-każ, l-emittenti jenħtieġ li jfasslu pjan ta' allinjament mat-tassonomija li jistabilixxi meta dawk l-attivitajiet se jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-tassonomija u kif se jiġi ggarantit l-allinjament. Il-pjanijiet ta' allinjament mat-tassonomija jenħtieġ li jistabilixxu passi intermedjarji annwali li għandhom jiġu vverifikati minn rieżaminatur estern.** L-emittenti jenħtieġ li fi kwalunkwe każ jallokaw ir-rikavati kollha mill-bonds ekoloġiċi

Ewropej tagħhom qabel il-maturità ta' kull bond.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) L-ESMA jenħtieġ li tingħata l-mandat li tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-forma u l-kontenut tal-pjanijiet ta' allinjament mat-tassonomija. Il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha s-setgħa li tadotta dawk l-istandards tekniċi regolatorji permezz ta' att delegat skont l-Artikolu 290 tat-TFUE u f'konformità mal-Artikolu 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}.

^{1a} Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17) Ċerti impriżi finanzjarji li jkollhom portafoll tal-bonds **ekoloġiċi Ewropej**

(17) Ċerti impriżi finanzjarji li jkollhom portafoll tal-bonds **sostenibbli** jistgħu ma

jistgħu ma jkunux kapaċi jidentifikaw, għal kull bond **ekoloġiku Ewropew**, l-assi finanzjarji distinti li għalihom ikunu ġew allokat i r-rikavati minn dan il-bond. Dan huwa dovut għal spariġġ bejn, minn naħa, iż-żmien sal-maturità u l-volum ta' finanzjament ta' dawk il-bonds, u min-naħa l-oħra iż-żmien sal-maturità u l-volum tal-assi finanzjarji fuq il-karta bilanċjali tal-impriża finanzjarja. F'każijiet bħal dawn, l-impriżi finanzjarji jenħtieġ li jkunu meħtieġa jiżvelaw l-allokkazzjoni tar-rikavati aggregati mill-portafoll tal-bonds **ekoloġiċi Ewropej** tagħhom għal portafoll tal-assi finanzjarji **ambjentalment** sostenibbli fuq il-karta bilanċjali tal-impriża. Dawk l-impriżi finanzjarji **mbagħad** jenħtieġ li juru f'rapporti tal-allokkazzjoni annwali **li** l-assi finanzjarji ambjentalment sostenibbli relatati kkonformaw mar-rekwiżiti tat-tassonomija fiż-żmien li dawn inħolqu. Sabiex jiġi żgurat li r-rikavati kollha mill-bonds ekoloġiċi Ewropej jiġu allokat i għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli, l-impriżi finanzjarji jenħtieġ li juru wkoll li l-ammont ta' dawk l-assi finanzjarji ambjentalment sostenibbli jaqbeż jew huwa ugwali għall-ammont ta' bonds ekoloġiċi Ewropej li jkunu għadhom ma mmaturawx. Sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni pprovduta tibqa' kompluta u aġġornata, rieżaminatur estern jenħtieġ li jirrieżamina r-rapporti annwali dwar l-allokkazzjoni kull sena. Dak ir-rieżaminatur estern jenħtieġ li jiffoka b'mod partikolari fuq dawk l-assi finanzjarji li ma kinux fil-karta tal-bilanċ tal-emittent fir-rapport tal-allokkazzjoni tas-sena preċedenti.

jkunux kapaċi jidentifikaw, għal kull bond **sostenibbli**, l-assi finanzjarji distinti li għalihom ikunu ġew allokat i r-rikavati minn dan il-bond. Dan huwa dovut għal spariġġ bejn, minn naħa, iż-żmien sal-maturità u l-volum ta' finanzjament ta' dawk il-bonds, u min-naħa l-oħra iż-żmien sal-maturità u l-volum tal-assi finanzjarji fuq il-karta bilanċjali tal-impriża finanzjarja. F'każijiet bħal dawn, l-impriżi finanzjarji jenħtieġ li jkunu meħtieġa jiżvelaw l-allokkazzjoni tar-rikavati aggregati mill-portafoll tal-bonds **sostenibbli** tagħhom għal portafoll tal-assi finanzjarji sostenibbli fuq il-karta bilanċjali tal-impriża. Dawk l-impriżi finanzjarji jenħtieġ **ukoll** li juru f'rapporti tal-allokkazzjoni annwali **l-estent sa fejn** l-assi finanzjarji ambjentalment sostenibbli relatati kkonformaw mar-rekwiżiti tat-tassonomija fiż-żmien li dawn inħolqu. **Għall-bonds ekoloġiċi Ewropej, jenħtieġ li jkun hemm allinjament sħiħ.** Sabiex jiġi żgurat li r-rikavati kollha mill-bonds ekoloġiċi Ewropej jiġu allokat i għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli, l-impriżi finanzjarji jenħtieġ li juru wkoll li l-ammont ta' dawk l-assi finanzjarji ambjentalment sostenibbli jaqbeż jew huwa ugwali għall-ammont ta' bonds ekoloġiċi Ewropej li jkunu għadhom ma mmaturawx. Sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni pprovduta tibqa' kompluta u aġġornata, rieżaminatur estern jenħtieġ li jirrieżamina r-rapporti annwali dwar l-allokkazzjoni kull sena. Dak ir-rieżaminatur estern jenħtieġ li jiffoka b'mod partikolari fuq dawk l-assi finanzjarji li ma kinux fil-karta tal-bilanċ tal-emittent fir-rapport tal-allokkazzjoni tas-sena preċedenti.

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Sabiex tittejjeb it-trasparenza, l-emittenti jenħtiegħ li jiżvelaw ukoll l-impatt **ambjentali** tal-bonds tagħhom permezz tal-pubblikazzjoni ta' rapporti tal-impatt, li jenħtiegħ li jiġu ppubblikati mill-inqas darba matul il-ħajja tal-bond. Sabiex l-investituri jingħataw l-informazzjoni kollha rilevanti biex jivvalutaw l-impatt ambjentali tal-bonds **ekoloġiċi Ewropej**, ir-rapporti tal-impatt jenħtiegħ li jispeċifikaw b'mod ċar il-metrika, il-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet applikati fil-valutazzjoni tal-impatti ambjentali. Sabiex tissaħħaħ il-komparabbiltà tal-bonds **ekoloġiċi Ewropej** u sabiex tiġi ffaċilitata l-lokalizzazzjoni ta' informazzjoni rilevanti, jeħtiegħ li jiġu stabbiliti mudelli għall-iżvelar ta' din l-informazzjoni.

Emenda

(18) Sabiex tittejjeb it-trasparenza, l-emittenti jenħtiegħ li jiżvelaw ukoll l-impatt **fuq is-sostenibbiltà** tal-bonds tagħhom permezz tal-pubblikazzjoni ta' rapporti tal-impatt, li jenħtiegħ li jiġu ppubblikati mill-inqas darba matul il-ħajja tal-bond. Sabiex l-investituri jingħataw l-informazzjoni kollha rilevanti biex jivvalutaw l-impatt ambjentali **u soċjali** tal-bonds ekoloġiċi Ewropej, ir-rapporti tal-impatt jenħtiegħ li jispeċifikaw b'mod ċar il-metrika, il-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet applikati fil-valutazzjoni tal-impatti ambjentali **u soċjali. Ir-rapporti tal-impatt jenħtiegħ li jinkludu wkoll deskrizzjoni tal-pjan ta' tranżizzjoni tal-emittent.** Sabiex tissaħħaħ il-komparabbiltà tal-bonds **sostenibbli** u sabiex tiġi ffaċilitata l-lokalizzazzjoni ta' informazzjoni rilevanti, jeħtiegħ li jiġu stabbiliti mudelli għall-iżvelar ta' din l-informazzjoni. **Sabiex tiġi żgurata l-preċiżjoni tar-rapporti tal-impatt u l-investituri jiġu protetti mill-greenwashing, ir-rapporti tal-impatt jenħtiegħ li jkunu soġġetti għal rieżami estern għall-preċiżjoni.**

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament

Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza tas-suq għall-bonds **ekoloġiċi Ewropej**, l-emittenti jenħtiegħ li jipubblikaw fuq is-siti web tagħhom dettalji dwar il-bonds **ekoloġiċi Ewropej** li dawn joħorġu. Sabiex tiġi żgurata l-affidabbiltà tal-informazzjoni u l-fiduċja tal-investituri, dawn għandhom jipubblikaw ukoll ir-rieżami ta' qabel il-

Emenda

(20) Sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza tas-suq għall-bonds **sostenibbli**, l-emittenti jenħtiegħ li jipubblikaw fuq is-siti web tagħhom dettalji dwar il-bonds **sostenibbli** li dawn joħorġu. Sabiex tiġi żgurata l-affidabbiltà tal-informazzjoni u l-fiduċja tal-investituri, dawn għandhom jipubblikaw ukoll ir-rieżami ta' qabel il-

ħruġ **kif ukoll** kwalunkwe rieżami ta' wara l-ħruġ.

ħruġ, kwalunkwe rieżami ta' wara l-ħruġ **u r-rapport dwar l-impatt fuq is-sostenibbiltà**.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

(21) Sabiex tittejjeb it-trasparenza dwar kif ir-rieżaminaturi esterni jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom, sabiex jiġi żgurat li r-rieżaminaturi esterni jkollhom kwalifiki adegwati, esperjenza professjonali, u indipendenza, u sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' kunflitti ta' interess potenzjali, u għalhekk, sabiex tiġi żgurata protezzjoni tal-investituri adegwata, l-emittenti tal-bonds **ekoloġiċi Ewropej** jenħtieġ li jagħmlu użu biss minn rieżaminaturi esterni, inkluż minn pajjiżi terzi, li jkunu ġew irreġistrati u li jkunu soġġetti għal superviżjoni kontinwa mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA).

Emenda

(21) Sabiex tittejjeb it-trasparenza dwar kif ir-rieżaminaturi esterni jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom, sabiex jiġi żgurat li r-rieżaminaturi esterni jkollhom kwalifiki adegwati, esperjenza professjonali, u indipendenza, u sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' kunflitti ta' interess potenzjali, u għalhekk, sabiex tiġi żgurata protezzjoni tal-investituri adegwata, l-emittenti tal-bonds **sostenibbli** jenħtieġ li jagħmlu użu biss minn rieżaminaturi esterni, inkluż minn pajjiżi terzi, li jkunu ġew irreġistrati u li jkunu soġġetti għal superviżjoni kontinwa mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA).

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Sabiex tiġi żgurata l-indipendenza tar-rieżaminaturi esterni, ir-rieżaminaturi esterni jenħtieġ li jevitaw sitwazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess u jimmaniġġaw dawk il-kunflitti b'mod adegwat meta dawn ikunu inevitabbli. Għalhekk, ir-rieżaminaturi esterni jenħtieġ li jiżvelaw kunflitti ta'

Emenda

(24) Sabiex tiġi żgurata l-indipendenza tar-rieżaminaturi esterni, ir-rieżaminaturi esterni jenħtieġ li **jikkonformaw mar-rekwiżiti u r-regoli ta' mgħiba organizzazzjonali biex jimmitigaw** u jevitaw sitwazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess u jimmaniġġaw dawk il-kunflitti

interess fil-ħin. Jenħtieġ li jżommu wkoll rekords tat-theddid sinifikanti kollu għall-indipendenza tagħhom, għal dik tal-impjegati tagħhom u għal dik ta' persuni oħrajn involuti fil-proċess ta' rieżami estern. Jenħtieġ li jżommu wkoll rekords tas-salvagwardji applikati biex jittaffa dak it-theddid.

b'mod adegwat meta dawn ikunu inevitabbli. Għalhekk, ir-rieżaminaturi esterni jenħtieġ li jiżvelaw kunflitti ta' interess fil-ħin. Jenħtieġ li jżommu wkoll rekords tat-theddid sinifikanti kollu għall-indipendenza tagħhom, għal dik tal-impjegati tagħhom u għal dik ta' persuni oħrajn involuti fil-proċess ta' rieżami estern. Jenħtieġ li jżommu wkoll rekords tas-salvagwardji applikati biex jittaffa dak it-theddid.

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(27a) L-ESMA jenħtieġ li tingħata l-mandat biex tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar ir-rekwiżiti dwar ir-rieżaminaturi esterni ħalli jiġi evitat li jirriżultaw kunflitti ta' interess. Jenħtieġ li jiżviluppaw dawk l-istandards b'reazzjoni għal żviluppi tas-suq li jiġġeneraw riskji ta' kunflitti ta' interess jew wara każijiet fejn sehew kunflitti ta' interess. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta dawk l-istandards tekniċi regolatorji permezz ta' att delegat skont l-Artikolu 290 tat-TFUE u f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) L-emittenti tal-bonds **ekoloġiċi Ewropej** jistgħu jfittxu aċċess għas-servizzi ta' rieżaminaturi esterni ta' pajjiż terz. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi stabbilit reġim fil-pajjiżi terzi għar-rieżaminaturi esterni abbażi ta' valutazzjoni tal-ekwivalenza, rikonoxximent jew approvazzjoni li taħtu r-rieżaminaturi esterni ta' pajjiż terz ikunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' rieżami estern.

Emenda

(28) L-emittenti tal-bonds **sostenibbli** jistgħu jfittxu aċċess għas-servizzi ta' rieżaminaturi esterni ta' pajjiż terz. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi stabbilit reġim fil-pajjiżi terzi għar-rieżaminaturi esterni abbażi ta' valutazzjoni tal-ekwivalenza, rikonoxximent jew approvazzjoni li taħtu r-rieżaminaturi esterni ta' pajjiż terz ikunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' rieżami estern.

Or. en

Emenda 29

**Proposta għal regolament
Premessa 30**

Test propost mill-Kummissjoni

(30) Sabiex jiġi ffaċilitat il-forniment ta' servizzi minn rieżaminaturi esterni ta' pajjiż terz lill-emittenti tal-bonds **ekoloġiċi Ewropej**, jenħtieġ li jiġi stabbilit reġim ta' approvazzjoni, li jippermetti, f'ċerti kundizzjonijiet, li r-rieżaminaturi esterni rreġistrati li jkunu fl-Unjoni japprovaw servizzi pprovdu minn rieżaminaturi esterni ta' pajjiż terz. Rieżaminatur estern li jkun approva servizzi pprovdu minn rieżaminatur estern ta' pajjiż terz jenħtieġ li jkun kompletament responsabbli għal dawn is-servizzi approvati u biex jiżgura li dan ir-rieżaminatur estern ta' pajjiż terz ikun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Emenda

(30) Sabiex jiġi ffaċilitat il-forniment ta' servizzi minn rieżaminaturi esterni ta' pajjiż terz lill-emittenti tal-bonds **sostenibbli**, jenħtieġ li jiġi stabbilit reġim ta' approvazzjoni, li jippermetti, f'ċerti kundizzjonijiet, li r-rieżaminaturi esterni rreġistrati li jkunu fl-Unjoni japprovaw servizzi pprovdu minn rieżaminaturi esterni ta' pajjiż terz. Rieżaminatur estern li jkun approva servizzi pprovdu minn rieżaminatur estern ta' pajjiż terz jenħtieġ li jkun kompletament responsabbli għal dawn is-servizzi approvati u biex jiżgura li dan ir-rieżaminatur estern ta' pajjiż terz ikun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni

(36) Sabiex ir-rieżaminaturi esterni jiġu mħeġġa jipprovdu s-servizzi tagħhom lill-emittenti tal-bonds ekoloġiċi Ewropej mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, dan ir-Regolament jistabbilixxi reġim tranżizzjonali għall-ewwel 30 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Emenda

(36) Sabiex ir-rieżaminaturi esterni jiġu mħeġġa jipprovdu s-servizzi tagħhom lill-emittenti tal-bonds ekoloġiċi Ewropej mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, dan ir-Regolament jistabbilixxi reġim tranżizzjonali għall-ewwel 30 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. ***Bonds sostenibbli li jkunu diġà nħarġu fid-data ta' [dħul fis-seħħ][l-applikazzjoni] ta' dan ir-Regolament mhumiex meħtieġa jikkonformaw ma' dan ir-Regolament fir-rigward tar-rekwiżiti ta' żvelar u l-użu ta' rieżaminaturi esterni.***

Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament Premessa 36a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(36a) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi rieżaminata sabiex jiġi vvalutat, fost l-oħrajn, l-adozzjoni tal-istandard Ewropew tal-bonds ekoloġiċi, il-funzjonament tas-suq tar-rieżaminaturi esterni, filwaqt li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament lil hinn minn attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli sabiex jiġu koperti l-oġġettivi soċjali, u l-applikazzjoni obbligatorja tal-qafas Ewropew ta' bonds ekoloġiċi għall-bonds kollha kkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli.

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

(37) L-oġġettivi ta' dan ir-Regolament jinqasmu fi **tnejn. Minn naħa waħda**, dan għandu l-għan li jiżgura li r-rekwiżiti uniformi japplikaw għall-użu tal-isem ta' "bond ekoloġiku Ewropew" jew "EuGB". **Min-naħa l-oħra**, dan għandu l-għan li jistabbilixxi sistema ta' reġistrazzjoni u qafas superviżorju sempliċi għar-rieżaminaturi esterni billi jafda awtorità superviżorja waħda bir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tar-rieżaminaturi esterni fl-Unjoni. **Iż-żewġ għanijiet** jenħtieġ li jiffaċilitaw il-ġbir tal-kapital għal proġetti li jsegwu oġġettivi ambjentalment sostenibbli. Billi dawk l-oġġettivi ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex dawk l-oġġettivi jintlaħqu,

Emenda

(37) L-oġġettivi ta' dan ir-Regolament jinqasmu fi **tlieta. L-ewwel nett**, dan għandu l-għan li jiżgura li r-rekwiżiti uniformi **dwar it-trasparenza** japplikaw **għall-bonds li huma kkummerċjalizzati fl-Unjoni bħala sostenibbli. It-tieni, jistabbilixxi rekwiżiti uniformi** għall-użu tal-isem ta' "bond ekoloġiku Ewropew" jew "EuGB". **It-tielet**, dan għandu l-għan li jistabbilixxi sistema ta' reġistrazzjoni u qafas superviżorju sempliċi għar-rieżaminaturi esterni billi jafda awtorità superviżorja waħda bir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tar-rieżaminaturi esterni fl-Unjoni. **Dawk l-għanijiet** jenħtieġ li jiffaċilitaw il-ġbir tal-kapital għal proġetti li jsegwu oġġettivi ambjentalment sostenibbli. Billi dawk l-oġġettivi ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex dawk l-oġġettivi jintlaħqu,

Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti uniformi għall-emittenti tal-bonds li jixtiequ jużaw l-isem "bond ekoloġiku Ewropew" jew "EuGB" għall-bonds ambjentalment sostenibbli tagħhom **magħmula disponibbli għall-pubbliku fl-Unjoni**, u jistabbilixxi sistema ta' reġistrazzjoni u qafas superviżorju għar-rieżaminaturi esterni tal-bonds **ekoloġiċi Ewropej**.

Emenda

Dan ir-Regolament jistabbilixxi **rekwiżiti dwar it-trasparenza għall-bonds li huma kkummerċjalizzati fl-Unjoni bħala sostenibbli**, jistipula rekwiżiti uniformi għall-emittenti tal-bonds li jixtiequ jużaw l-isem "bond ekoloġiku Ewropew" jew "EuGB" għall-bonds ambjentalment sostenibbli tagħhom, u jistabbilixxi sistema ta' reġistrazzjoni u qafas superviżorju għar-rieżaminaturi esterni tal-bonds **sostenibbli**.

Or. en

Emenda 34

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1**

Test propost mill-Kummissjoni

(1) "emittent" tfisser kwalunkwe entità **ġuridika** li toħroġ il-bonds;

Emenda

(1) "emittent" tfisser kwalunkwe entità li toħroġ il-bonds;

Or. en

Emenda 35

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt f**

Test propost mill-Kummissjoni

(f) **kumpanija tad-dritt privat li tkun kompletament proprjetà ta' waħda jew aktar mill-entitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (e)**;

Emenda

imħassar

Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 2 - paragrafu 1 - punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) "Stat Membru domiċiljari" tfisser Stat Membru domiċiljari kif definit fl-Artikolu 2(m) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1129^{1a};

^{1a} Ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerç f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 19).

Or. en

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5b) "Stat Membru ospitanti" tfisser Stat Membru ospitanti kif definit fl-Artikolu 2(n) tar-Regolament (UE) 2017/1129;^a

Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5c) "investment sostenibbli" tfisser investimenti sostenibbli kif definiti fl-Artikolu 2(17) tar-Regolament (UE) 2019/2088;

Or. en

Emenda 39

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5d (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5d) "bond sostenibbli" tfisser kwalunkwe tip ta' strument ta' bond li għandu bħala l-objettiv iddikjarat tiegħu li jiffinanzja investment sostenibbli, inklużi bonds maħruġa f'konformità mal-istandards tas-suq dwar bonds ekoloġiċi, soċjali jew marbuta mas-sostenibbiltà;

Or. en

Emenda 40

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5e (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5e) "bond ta' użu tar-rikavati" tfisser kwalunkwe tip ta' strument ta' bond fejn ir-rikavati jiġu allokati għal attivitajiet ekonomiċi speċifiċi;

Or. en

Emenda 41

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5f) "bond marbut mas-sostenibbiltà" tfisser kwalunkwe tip ta' strument ta' bond li għalih il-karatteristiċi finanzjarji jew strutturali jistgħu jvarjaw skont jekk l-emittent jilħaqx objettiv ta' sostenibbiltà jew ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG) predefinit;

Or. en

Emenda 42

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5g) "riskju għas-sostenibbiltà" tfisser riskju għas-sostenibbiltà kif definiti fl-Artikolu 2(22) tar-Regolament (UE) 2019/2088;

Or. en

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5h (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5h) "fattur ta' sostenibbiltà" tfisser fattur ta' sostenibbiltà kif definit fl-Artikolu 2(24) tar-Regolament (UE) 2019/2088;

Or. en

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5i) "entità rieżaminata" tfisser kwalunkwe entità li tirċievi rieżami tal-ħruġ ta' bonds sostenibbli tagħha minn rieżaminatur estern f'konformità ma' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament Titolu II – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Kundizzjonijiet għall-użu tal-isem "bond ekoloġiku Ewropew" jew "EuGB"

Kundizzjonijiet għall-użu tal-isem "bond ekoloġiku Ewropew" jew "EuGB" **u rekwiżiti dwar it-trasparenza għall-bonds sostenibbli**

Or. en

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Bond ekoloġiku Ewropew jista' jiġi ffinanzjat mill-ġdid billi jinħareġ bond ekoloġiku Ewropew ġdid.

3. Bond ekoloġiku Ewropew jista' jiġi ffinanzjat mill-ġdid billi jinħareġ bond ekoloġiku Ewropew ġdid **dment li l-użu tar-rikavati tal-bond iffinanzjat mill-ġdid ikun jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6 fil-mument tal-finanzjament mill-ġdid.**

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) *dejn;*

Emenda

(a) ***pretensjoni finanzjarja;***

(Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha se teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Terminu kontabilistiku korrett skont il-BĊE

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) *ekwità.*

Emenda

(b) ***strument ta' ekwità ta' entità oħra.***

(Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha se teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Terminu kontabilistiku korrett skont il-BĊE

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-użu tar-rikavati msemmija fl-Artikolu 4 għandu jkun **relatat ma'** attivitajiet ekonomiċi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-tassonomija, jew li se jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-tassonomija f'perjodu ta' żmien definit kif stabbilit fi pjan ta' allinjament mat-tassonomija.

Emenda

L-użu tar-rikavati msemmija fl-Artikolu 4 għandu jkun **allokat għal** attivitajiet ekonomiċi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-tassonomija, jew li se jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-tassonomija f'perjodu ta' żmien definit kif stabbilit fi pjan ta' allinjament mat-tassonomija.

Or. en

Emenda 50

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Il-perjodu msemmi fl-ewwel u fit-tieni subparagrafu ma għandux jaqbeż il-ħames snin mill-ħruġ tal-bonds, sakemm perjodu itwal ta' mhux aktar minn għaxar snin ma jiġix iġġustifikat mill-karatteristiċi speċifiċi tal-attivitajiet ekonomiċi kkonċernati kif iddokumentat fi pjan ta' allinjament mat-tassonomija.

Emenda

Il-perjodu msemmi fl-ewwel u fit-tieni subparagrafu ma għandux jaqbeż il-ħames snin mill-ħruġ tal-bonds, sakemm perjodu itwal ta' mhux aktar minn għaxar snin ma jiġix iġġustifikat **kif xieraq** mill-karatteristiċi speċifiċi tal-attivitajiet ekonomiċi kkonċernati kif iddokumentat fi pjan ta' allinjament mat-tassonomija, **bħal tul ta' ħajja partikolarment twil ta' assi fiżiċi**.

Or. en

Emenda 51

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Meta l-użu tar-rikavati msemmija fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament ikun konformi mal-atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) jew 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852

iżda tkun għadha mhijiex disponibbli data biex tintwera l-konformità mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament, il-pjan ta' allinjament mat-tassonomija għandu jinkludi deskrizzjoni tal-azzjonijiet u l-infiq meħtieġa biex tinġabar id-data rilevanti.

Or. en

Emenda 52

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Il-pjan ta' allinjament mat-tassonomija msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiddeskrivi l-passi intermedji annwali li għandhom jinkisbu sabiex attività ekonomika tissodisfa r-rekwiżiti tat-tassonomija. Jekk dawk il-passi jintlaħqux jew le għandu jiġi vverifikat mir-rieżaminatur estern. Meta l-passi intermedji ma jintlaħqux darbtejn wara xulxin, l-emittent ma għandux jibqa' awtorizzat juża d-deżinjazzjoni ta' bond ekoloġiku Ewropew għall-ħruġ tal-bonds ikkonċernat minn dak il-pjan ta' allinjament mat-tassonomija.

Or. en

Emenda 53

Proposta għal regolament Artikolu 6 - paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2c. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kontenut u l-forma tal-pjanijiet ta' allinjament mat-tassonomija.

L-ESMA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Or. en

Emenda 54

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-emittenti għandhom jallokaw ir-rikavat tal-bonds għall-użi stabbiliti fl-Artikolu 4(1), il-punti (a), (b) u (c), l-Artikolu 4(2), jew ***l-ekwità*** msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punt (b), billi japplikaw l-atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) jew 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 applikabbli fil-mument meta nħareġ il-bond.

Emenda

L-emittenti għandhom jallokaw ir-rikavat tal-bonds għall-użi stabbiliti fl-Artikolu 4(1), il-punti (a), (b) u (c), l-Artikolu 4(2), jew ***l-istrumenti ta' ekwità oħra*** msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punt (b), billi japplikaw l-atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) jew 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 applikabbli fil-mument meta nħareġ il-bond.

Or. en

Emenda 55

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Meta l-atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) jew 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852

Emenda

Meta l-atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) jew 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852

jigū emendati wara l-ħruġ tal-bond, l-emittent għandu jalloka r-rikavat tal-bonds għall-użi msemmija fl-ewwel subparagrafu billi japplika l-atti delegati emendati fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ tagħhom.

jigū emendati wara l-ħruġ tal-bond, l-emittent għandu jalloka r-rikavat tal-bonds għall-użi msemmija fl-ewwel subparagrafu billi japplika l-atti delegati emendati fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ tagħhom. ***Ir-rikavati mill-bonds allokati ma għandhomx ikunu meħtieġa li jigū allokati mill-ġdid wara bidla fl-atti delegati.***

Or. en

Emenda 56

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Meta jallokaw ir-rikavati mill-bonds ***għad-dejn imsemmi*** fil-punt (a) tal-Artikolu 5(1), l-emittenti għandhom japplikaw l-atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) jew 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 applikabbli fil-mument meta ***jkun inħoloq id-dejn***.

Emenda

Meta jallokaw ir-rikavati mill-bonds ***għall-pretensjoni finanzjarja msemmija*** fil-punt (a) tal-Artikolu 5(1), l-emittenti għandhom japplikaw l-atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) jew 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 applikabbli fil-mument meta ***tkun inħolqot il-pretensjoni finanzjarja***.

Or. en

Emenda 57

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Jekk, fi żmien il-ħolqien ***tad-dejn imsemmi*** fl-ewwel subparagrafu, ma kien hemm fis-seħħ l-ebda att delegat adottat skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) jew 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852, l-emittenti għandhom japplikaw l-ewwel atti delegati li jkunu ġew adottati skont l-

Emenda

Jekk, fi żmien il-ħolqien ***tal-pretensjoni finanzjarja msemmija*** fl-ewwel subparagrafu, ma kien hemm fis-seħħ l-ebda att delegat adottat skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) jew 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852, l-emittenti għandhom japplikaw l-ewwel

Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2)
jew 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852.

atti delegati li jkunu ġew adottati skont l-
Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2)
jew 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852.

Or. en

Emenda 58

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Meta l-atti delegati adottati skont l-
Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2)
jew 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852
jiġu emendati wara l-ħolqien tad-dejn
imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-emittent
għandu jalloka r-rikavat minn bonds għad-
dejn imsemmi fl-ewwel subparagrafu billi
japplika l-atti delegati emendati fi żmien
ħames snin mid-dħul fis-seħħ tagħhom.

Emenda

Meta l-atti delegati adottati skont l-
Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2)
jew 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852
jiġu emendati wara l-ħolqien tad-dejn
imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-emittent
għandu jalloka r-rikavat minn bonds għad-
dejn imsemmi fl-ewwel subparagrafu billi
japplika l-atti delegati emendati fi żmien
ħames snin mid-dħul fis-seħħ tagħhom. ***Ir-
rikavati mill-bonds allokati ma
għandhomx ikunu meħtieġa li jiġu
allokati mill-ġdid wara bidla fl-atti
delegati.***

Or. en

Emenda 59

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***2a. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, id-
deżinjazzjoni ta' "bond ekoloġiku
Ewropew" u "EuGB" ma għandhiex
tintuża meta kwalunkwe wieħed mir-
rikavati jiġi allokati għal:***

***(a) il-ġenerazzjoni tal-enerġija
nukleari; jew***

(b) il-ġenerazzjoni tal-elettriku, jew il-

koġenerazzjoni mis-sħana/mill-kesħa u mill-enerġija, jew il-produzzjoni tas-sħana/tal-kesħa mill-fjuwils fossili gassużi sakemm l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja ma jkunux inqas minn 100 gCO₂e/kWh.

Or. en

Emenda 60

Proposta għal regolament Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 7a

Rekwiżiti fil-livell tal-entità għall-emittenti ta' bonds ekoloġiċi Ewropej

1. L-emittent ta' bonds ekoloġiċi Ewropej għandhom jaderixxu mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" msemmi fir-Regolament (UE) 2019/2088 u fl-istandards tekniċi regolatorji adottati skont dak ir-Regolament li jispeċifikaw aktar dak il-prinċipju.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-emittenti ta' bonds ekoloġiċi Ewropej għandhom juru li kkunsidraw dan kollu li ġej qabel ma ħarġu tali bonds:

(a) l-impatti negattivi prinċipali tad-deċiżjonijiet ta' investment fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà;

(b) l-integrazzjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-investment; u

(c) l-allinjament mal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem, inklużi l-prinċipji u d-drittijiet stabbiliti fit-tmien konvenzjonijiet fundamentali identifikati fid-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar il-

Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol u l-Karta Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem.

2. L-emittenti mhux sovrani u kwalunkwe waħda mill-partijiet terzi relatati tagħhom li jinsabu f'ġuriżdizzjonijiet elenkati fl-Anness I jew II tal-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa ma għandhomx ikunu awtorizzati jużaw id-denominazzjoni ta' "bond ekoloġiku Ewropew" jew "EuGB", sakemm ma jkunux jistgħu juru attività ekonomika reali fil-ġuriżdizzjoni elenkata.

L-emittenti sovrani li huma elenkati fl-Anness I jew II tal-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa ma għandhomx ikunu awtorizzati jużaw id-denominazzjoni ta' "bond ekoloġiku Ewropew" jew "EuGB".

3. L-emittenti għandhom jiżvelaw ir-reqwiżiti stipulati f'dan l-Artikolu fil-mudell għall-iskeda informattiva dwar il-bonds sostenibbli Ewropej stabbilit fl-Anness I.

Or. en

Emenda 61

Proposta għal regolament Artikolu 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 7b

Pjan ta' tranżizzjoni

1. L-emittenti ta' bonds ekoloġiċi Ewropej u l-emittenti ta' bonds marbuta mas-sostenibbiltà għandhom jiżviluppaw pjan ta' tranżizzjoni li jiddeskrivi kif se jaderixxu ma' xenarju ta' tisħin globali ta' 1.5 °C u kif se jiksbu newtralità klimatika sal-2050. Il-pjan ta' tranżizzjoni għandu jinkludi miri annwali u li jistgħu

jigū vverifikati.

2. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti minimi għall-pjanijiet ta' tranżizzjoni.

L-ESMA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards regolatorji lill-Kummissjoni sa [18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Or. en

Emenda 62

Proposta għal regolament Artikolu 7c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 7c

L-użu tal-istandard Ewropew għall-bonds ekoloġiċi mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni

L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandhom jużaw l-istandard Ewropew għall-bonds ekoloġiċi u japplikaw il-kriterji tal-Artikoli 4 sa 7a għal kwalunkwe ħruġ ta' bonds tal-użu tar-rikavati li għandu s-sostenibbiltà ambjentali bħala l-objettiv tiegħu.

Or. en

Emenda 63

Proposta għal regolament Artikolu 8 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Skeda informattiva dwar il-bonds **ekoloġiċi** Ewropej u rieżami ta' qabel il-ħruġ tal-iskeda informattiva dwar il-bonds **ekoloġiċi** Ewropej

Emenda

Skeda informattiva dwar il-bonds **sostenibbli** Ewropej u rieżami ta' qabel il-ħruġ tal-iskeda informattiva dwar il-bonds **sostenibbli** Ewropej

(Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha se teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li r-rekwiżiti ta' żvelar huma armonizzati għall-ħruġ ta' bonds sostenibbli kollha fl-Unjoni, bidla fit-titolu tgħin biex tiġi promossa ċ-ċarezza

Emenda 64

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Qabel ma joħorġu bond **ekoloġiku** Ewropew, l-emittenti għandhom:

Emenda

1. Qabel ma joħorġu bond **li jiġi kkummerċjalizzat fl-Unjoni u li jkollu l-investment sostenibbli bħala l-objettiv tiegħu**, l-emittenti għandhom:

Or. en

Emenda 65

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jimlew l-iskeda informattiva kollha dwar il-bonds **ekoloġiċi** Ewropej stabbilita

Emenda

(a) jimlew l-iskeda informattiva kollha dwar il-bonds **sostenibbli** Ewropej

fl-Anness I;

stabbilita fl-Anness I;

Or. en

Emenda 66

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni

(b) jiżguraw li l-iskeda informattiva mimlija kollha dwar il-bonds **ekoloġiċi** Ewropej tkun ġiet soġġetta għal rieżami ta' qabel il-ħruġ b'opinjoni pożittiva minn rieżaminatur estern.

Emenda

(b) jiżguraw li l-iskeda informattiva mimlija kollha dwar il-bonds **sostenibbli** Ewropej tkun ġiet soġġetta għal rieżami ta' qabel il-ħruġ b'opinjoni pożittiva minn rieżaminatur estern.

Or. en

Emenda 67

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Skeda informattiva dwar il-bonds **ekoloġiċi** Ewropej **tista'** tkun relatata ma' **ħarġa waħda jew aktar tal-bonds ekoloġiċi Ewropej.**

Emenda

2. **Kull** skeda informattiva dwar il-bonds **sostenibbli** Ewropej **għandha** tkun relatata ma' **bond sostenibbli individwali wieħed. Jistgħu jiġu ppubblikati diversi skedi informattivi fuq bażi konġunta.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan jippromwovi l-ġbir awtomatizzat tad-data u l-komparabbiltà tad-data bejn ħruġ ta' bonds differenti.

Emenda 68

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) valutazzjoni ta' jekk l-iskeda informattiva mimlija kollha dwar il-bonds **ekoloġiċi** tikkonformax mal-Artikoli 4 sa 7 ta' dan ir-Regolament u mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

Emenda

(a) **għall-bonds ekoloġiċi Ewropej**, valutazzjoni ta' jekk l-iskeda informattiva mimlija kollha dwar il-bonds **sostenibbli Ewropej** tikkonformax mal-Artikoli 4 sa 7b ta' dan ir-Regolament u mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 69

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) valutazzjoni ta' jekk l-iskeda informattiva mimlija kollha dwar il-bonds **ekoloġiċi** tikkonformax mal-Artikoli 4 sa 7 ta' dan ir-Regolament u mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

Emenda

(aa) **għal bonds sostenibbli oħra**, valutazzjoni ta' jekk l-informazzjoni pprovduta fl-iskeda informattiva mimlija kollha dwar il-bonds **sostenibbli Ewropej** tikkonformax mal-objettiv ta' **sostenibbiltà ddikjarat tal-bond** u valutazzjoni ta' kemm l-iskeda informattiva mimlija kollha dwar il-bonds **sostenibbli Ewropej** tikkonforma mal-Artikoli 4 sa 7b u mal-Anness I;

Or. en

Emenda 70

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Kull sena u sal-allokkazzjoni sħiħa tar-rikavati mill-bond **ekoloġiku Ewropew** ikkonċernat, l-emittenti tal-bonds **ekoloġiċi Ewropej** għandhom ifasslu rapport tal-allokkazzjoni tal-bonds **ekoloġiċi** Ewropej billi jużaw il-mudell stabbilit fl-Anness II, li juri **li r-rikavati minn kwalunkwe bond**

Emenda

1. Kull sena u sal-allokkazzjoni sħiħa tar-rikavati mill-bond **sostenibbli** kkonċernat, l-emittenti tal-bonds **sostenibbli li huma użu tar-rikavati** għandhom ifasslu rapport tal-allokkazzjoni tal-bonds **sostenibbli** Ewropej billi jużaw il-mudell stabbilit fl-Anness II, li juri:

ekoloġiku Ewropew ikkonċernat, mid-data tal-ħruġ tiegħu u sa tmiem is-sena li r-rapport jirreferi għaliha, ikunu ġew allokati f'konformità mal-Artikoli 4 sa 7.

Or. en

Emenda 71

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt i (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(i) għall-bonds ekoloġiċi Ewropej, li r-rikavati mid-data tal-ħruġ tagħhom u sa tmiem is-sena li r-rapport jirreferi għaliha jkunu ġew allokati f'konformità mal-Artikoli 4 sa 7;

Or. en

Emenda 72

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ii (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ii) għal bonds sostenibbli oħra, jekk ir-rikavati ġewx allokati f'konformità mal-objettiv ta' sostenibbiltà ddikjarat tal-bond u l-grad sa fejn ir-rikavati ġew allokati f'konformità mal-Artikoli 4 sa 7.

Or. en

Emenda 73

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. Rapport tal-allokkazzjoni tal-bonds ekoloġiċi Ewropej ***jista'*** jkun relatat ma' ***hargha waħda jew aktar tal-bonds ekoloġiċi Ewropej.***

Emenda

2. Rapport tal-allokkazzjoni tal-bonds ekoloġiċi Ewropej ***għandu*** jkun relatat ma' ***bond sostenibbli individwali. Jistgħu jiġu ppubblikati diversi rapporti tal-allokkazzjoni fuq bażi konġunta.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan jgħin fil-ġbir awtomatizzat tad-data u l-komparabbiltà bejn il-bonds sostenibbli

Emenda 74

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-emittenti tal-bonds ***ekoloġiċi Ewropej*** għandhom jiksbu rieżami ta' wara l-ħruġ minn rieżaminatur estern tar-rapport tal-allokkazzjoni mfassal wara l-allokkazzjoni sħiħa tar-rikavati mill-bond ***ekoloġiku Ewropew*** f'konformità mal-Artikoli 4 sa 7.

Emenda

3. L-emittenti tal-bonds ***sostenibbli*** għandhom jiksbu rieżami ta' wara l-ħruġ minn rieżaminatur estern tar-rapport tal-allokkazzjoni mfassal wara l-allokkazzjoni sħiħa tar-rikavati mill-bond ***sostenibbli*** f'konformità mal-Artikoli 4 sa 7.

Or. en

Emenda 75

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. Jekk, wara l-pubblikazzjoni tar-rapport tal-allokkazzjoni f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 13(1), l-allokkazzjoni tar-rikavati tiġi kkoreġuta, l-emittenti ***tal-bonds ekoloġiċi Ewropej ikkonċernati*** għandhom jemendaw ir-rapport tal-allokkazzjoni u jiksbu rieżami ta' wara l-ħruġ minn rieżaminatur estern ta' dak ir-

Emenda

4. Jekk, wara l-pubblikazzjoni tar-rapport tal-allokkazzjoni f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 13(1), l-allokkazzjoni tar-rikavati tiġi kkoreġuta, l-emittenti ***tal-bond sostenibbli kkonċernat*** għandhom jemendaw ir-rapport tal-allokkazzjoni u jiksbu rieżami ta' wara l-ħruġ minn rieżaminatur estern ta' dak ir-rapport tal-

rapport tal-allokkazzjoni li jkun ġie emendat.

allokkazzjoni li jkun ġie emendat.

Or. en

Emenda 76

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. B'deroga mill-paragrafu 3, kull rapport tal-allokkazzjoni minn emittenti li jkunu impriżi finanzjarji li jallokaw ir-rikavati minn portafoll ta' diversi bonds **ekoloġiċi Ewropej** għal portafoll tal-assi finanzjarji kif imsemmi fl-Artikolu 5 għandu jkun soġġett għal rieżami ta' wara l-ħruġ minn rieżaminatur estern. Ir-rieżaminatur estern għandu jagħti attenzjoni partikolari lil dawk l-assi finanzjarji li ma kienu inklużi fl-ebda rapport tal-allokkazzjoni ppubblikat qabel.

Emenda

5. B'deroga mill-paragrafu 3, kull rapport tal-allokkazzjoni minn emittenti li jkunu impriżi finanzjarji li jallokaw ir-rikavati minn portafoll ta' diversi bonds **sostenibbli** għal portafoll tal-assi finanzjarji kif imsemmi fl-Artikolu 5 għandu jkun soġġett għal rieżami ta' wara l-ħruġ minn rieżaminatur estern. Ir-rieżaminatur estern għandu jagħti attenzjoni partikolari lil dawk l-assi finanzjarji li ma kienu inklużi fl-ebda rapport tal-allokkazzjoni ppubblikat qabel.

Or. en

Emenda 77

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. L-emittenti **tal-bonds ekoloġiċi Ewropej** għandhom jipprovdu r-rapporti tal-allokkazzjoni msemmija fil-paragrafi 3, 4, u 5 lil rieżaminatur estern fi żmien 30 jum wara tmiem is-sena li għaliha jirreferu r-rapporti tal-allokkazzjoni. Ir-rieżami ta' wara l-ħruġ irid jiġi ppubblikat fi żmien 90 jum wara l-wasla tar-rapport tal-allokkazzjoni.

Emenda

6. L-emittenti **ta' bond sostenibbli** għandhom jipprovdu r-rapporti tal-allokkazzjoni msemmija fil-paragrafi 3, 4, u 5 lil rieżaminatur estern fi żmien 30 jum wara tmiem is-sena li għaliha jirreferu r-rapporti tal-allokkazzjoni. Ir-rieżami ta' wara l-ħruġ irid jiġi ppubblikat fi żmien 90 jum wara l-wasla tar-rapport tal-allokkazzjoni.

Or. en

Emenda 78

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 7 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) valutazzjoni ta' jekk l-emittent ikunx alloka r-rikavati mill-bond f'konformità mal-Artikoli 4 sa 7 abbażi tal-informazzjoni mogħtija lir-rieżaminatur estern;

Emenda

(a) ***għall-bonds ekoloġiċi Ewropej***, valutazzjoni ta' jekk l-emittent ikunx alloka r-rikavati mill-bond f'konformità mal-Artikoli 4 sa 7 abbażi tal-informazzjoni mogħtija lir-rieżaminatur estern;

Or. en

Emenda 79

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 7 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(aa) ***għal bonds sostenibbli oħra***, valutazzjoni ta' jekk l-emittent alloka ir-rikavati tal-bond f'konformità mal-objettiv ta' sostenibbiltà ddikjarat tal-bond u valutazzjoni tal-grad sa fejn l-emittent alloka r-rikavati tal-bond f'konformità mal-Artikoli 4 sa 7 abbażi tal-informazzjoni pprovduta lir-rieżaminatur estern;

Emenda

(aa) ***għal bonds sostenibbli oħra***, valutazzjoni ta' jekk l-emittent alloka ir-rikavati tal-bond f'konformità mal-objettiv ta' sostenibbiltà ddikjarat tal-bond u valutazzjoni tal-grad sa fejn l-emittent alloka r-rikavati tal-bond f'konformità mal-Artikoli 4 sa 7 abbażi tal-informazzjoni pprovduta lir-rieżaminatur estern;

Or. en

Emenda 80

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 7 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) valutazzjoni ta' jekk l-emittent ikunx ikkonforma mal-użu maħsub tar-rikavati stabbilit fl-iskeda informattiva

Emenda

(b) valutazzjoni ta' jekk l-emittent ikunx ikkonforma mal-użu maħsub tar-rikavati stabbilit fl-iskeda informattiva

dwar il-bonds **ekoloġiċi** abbażi tal-informazzjoni mogħtija lir-rieżaminatur estern;

dwar il-bonds **sostenibbli** abbażi tal-informazzjoni mogħtija lir-rieżaminatur estern;

Or. en

Emenda 81

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8. *Meta r-rikavat mill-bonds jiġi allokati għall-ħelsien mit-taxxa kif imsemmi fl-Artikolu 4(2), il-punt (c) jew is-sussidji kif imsemmi fl-Artikolu 4(2), il-punt (d), ir-rieżami ta' wara l-ħruġ għandu jivvaluta biss il-konformità mal-Artikoli 4 sa 7 tat-termini u l-kundizzjonijiet li taħtom ikunu ġew żborżati dawk in-nefqieta jew it-trasferimenti.*

imħassar

Or. en

Emenda 82

Proposta għal regolament Artikolu 10 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Rapport tal-impatt tal-bonds **ekoloġiċi** Ewropej

Rapport tal-impatt tal-bonds **sostenibbli** Ewropej

(Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha se teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li dan ir-rapport huwa obligatorju għall-bonds sostenibbli kollha maħruġa fl-Unjoni, bidla fl-isem se żżid maċ-ċarezza

Emenda 83

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-emittenti **tal-bonds ekoloġiċi Ewropej** għandhom, wara l-allokazzjoni sħiħa tar-rikavati minn dawn il-bonds u mill-inqas darba matul il-ħajja tal-bond, ifasslu rapport tal-impatt tal-bonds **ekoloġiċi** Ewropej dwar l-impatt **ambjentali** tal-użu tar-rikavati mill-bonds billi jużaw il-mudell stabbilit fl-Anness III.

Emenda

1. L-emittenti **ta' bond ekoloġika Ewropea** għandhom, wara l-allokazzjoni sħiħa tar-rikavati minn dawn il-bonds u mill-inqas darba matul il-ħajja tal-bond, ifasslu rapport tal-impatt tal-bonds **sostenibbli** Ewropej dwar **l-istrateġija kumplessiva tas-sostenibbiltà tal-emittent u l-impatt fuq is-sostenibbiltà** tal-użu tar-rikavati mill-bonds billi jużaw il-mudell stabbilit fl-Anness III.

Or. en

Emenda 84

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Rapport tal-impatt **unikju jista' jkopri** diversi **ħarġiet tal-bonds ekoloġiċi Ewropej**.

Emenda

2. **Kull** rapport tal-impatt **għandu jkun relatat ma' bond sostenibbli individwali wieħed. Jistgħu jiġu ppubblikati** diversi **rapporti tal-impatt fuq bażi konġunta**.

Or. en

Emenda 85

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. **L-emittenti ta' bond sostenibbli għandhom jiksbu rieżami minn**

Emenda 86

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Ir-rieżami tar-rapport tal-impatt imsemmi fil-paragrafu 2a għandu jkun fih dan kollu li ġej:

(a) valutazzjoni ta' jekk il-ħruġ tal-bond huwiex allinjat mal-istrateġija dwar is-sostenibbiltà usa' tal-emittent;

(b) għall-ħarġiet ta' bonds ekoloġiċi Ewropej u għall-bonds marbuta mas-sostenibbiltà, valutazzjoni tal-pjan ta' tranżizzjoni li tiddeskrivi kif l-emittent se jallinja ruħu ma' xenarju ta' tisħin globali ta' 1.5 °C u jikseb newtralità klimatika sal-2050;

(c) għal bonds li jikkonformaw mal-bonds tal-użu tar-rikavati, verifika tal-proġetti ffinanzjati mir-rikavati tal-bonds u, fejn applikabbli, jekk il-pjan ta' allinjament mat-tassonomija ġiex irrispettat;

(d) valutazzjoni tal-impatt tas-sostenibbiltà indikat tar-rikavati mill-bonds;

(e) l-elementi stabbiliti fl-Anness IV.

Emenda 87

**Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emittent li jkun sovrani jista' jikseb rieżamijiet ta' qabel u ta' wara l-ħruġ minn rieżaminatur estern, jew minn awditur tal-Istat jew kwalunkwe entità pubblika oħra li tkun inġhatat il-mandat mis-sovrani biex tivvaluta l-konformità ma' dan ir-Regolament.

Emenda

Emittent li jkun sovrani jista' jikseb rieżamijiet ta' qabel u ta' wara l-ħruġ minn rieżaminatur estern, jew minn awditur tal-Istat jew kwalunkwe entità pubblika oħra li tkun inġhatat il-mandat mis-sovrani biex tivvaluta l-konformità ma' dan ir-Regolament. ***Għall-emittenti sovrani mhux tal-Unjoni, l-awditur tal-Istat jew entità pubblika oħra għandhom ikunu meħtieġa jirċievu approvazzjoni minn qabel mill-ESMA f'konformità mal-Kapitolu 1 tat-Titolu III.***

Or. en

Emenda 88

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – titolu**

Test propost mill-Kummissjoni

Prospett għall-bonds ***ekoloġiċi Ewropej***

Emenda

Prospett għall-bonds ***sostenibbli***

Or. en

Emenda 89

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Meta prospett ikun se jiġi ppubblikat skont ir-Regolament (UE) 2017/1129, dak il-prospett għandu jiddikjara b'mod ċar, meta jkun meħtieġ jagħti informazzjoni dwar l-użu tar-rikavati, ***li l-bond*** ekoloġiku Ewropew ***ikun qed*** jinħareġ f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Emenda

1. ***Għall-ħarġiet ta' bond sostenibbli***, meta prospett ikun se jiġi ppubblikat skont ir-Regolament (UE) 2017/1129, dak il-prospett għandu jiddikjara b'mod ċar, meta jkun meħtieġ jagħti informazzjoni dwar l-użu tar-rikavati, ***jekk jikkonċernax bond*** ekoloġiku Ewropew ***li*** jinħareġ f'konformità ma' dan ir-Regolament ***jew kwalunkwe bond sostenibbli ieħor.***

Emenda 90

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Għall-finijiet tal-punt (c) tal-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) 2017/1129, l-"informazzjoni regolata" għandha tinkludi l-informazzjoni li tkun fl-iskeda informattiva dwar il-bonds ekoloġiċi Ewropej imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 8(1) ta' dan ir-Regolament.

Emenda

2. Għall-finijiet tal-punt (c) tal-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) 2017/1129, l-"informazzjoni regolata" għandha tinkludi l-informazzjoni li tkun fl-iskeda informattiva dwar il-bonds ekoloġiċi Ewropej imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 8(1) ta' dan ir-Regolament.
Dik l-informazzjoni għandha tiġi integrata bis-sħiħ fil-prospett imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu billi jintuża l-mudell stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Ġustifikazzjoni

Dan jgħin fl-awtomatizzazzjoni tad-data u l-komparabbiltà tal-bonds

Emenda 91

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-emittenti tal-bonds ***ekoloġiċi Ewropej*** għandhom jippubblikaw fuq is-sit web tagħhom, f'taqsimha distinta intitolata "bonds ***ekoloġiċi Ewropej***" u jagħmlu disponibbli mingħajr ħlas mill-inqas sal-maturità tal-bonds ikkonċernati, dan kollu li ġej:

Emenda

1. L-emittenti tal-bonds ***sostenibbli*** għandhom jippubblikaw fuq is-sit web tagħhom, f'taqsimha distinta intitolata "bonds ***sostenibbli***" u jagħmlu disponibbli mingħajr ħlas mill-inqas sal-maturità tal-bonds ikkonċernati, dan kollu li ġej:

Emenda 92

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) I-iskeda informattiva mimlija kollha dwar il-bonds **ekoloġiċi** Ewropej imsemmija fl-Artikolu 8, qabel il-ħruġ tal-bond;

Emenda

(a) I-iskeda informattiva mimlija kollha dwar il-bonds **sostenibbli** Ewropej imsemmija fl-Artikolu 8, qabel il-ħruġ tal-bond;

Or. en

Emenda 93

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ir-rieżami ta' qabel il-ħruġ relatat mal-iskeda informattiva dwar il-bonds **ekoloġiċi** Ewropej imsemmi fl-Artikolu 8, qabel il-ħruġ tal-bond;

Emenda

(b) ir-rieżami ta' qabel il-ħruġ relatat mal-iskeda informattiva dwar il-bonds **sostenibbli** Ewropej imsemmi fl-Artikolu 8, qabel il-ħruġ tal-bond;

Or. en

Emenda 94

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) ir-rapporti tal-allokazzjoni annwali tal-bonds **ekoloġiċi Ewropej imsemmija** fl-Artikolu 9, kull sena sal-allokazzjoni sħiħa tar-rikavati mill-bond **ekoloġiku Ewropew ikkonċernat**, mhux aktar tard minn tliet xhur wara tmiem is-sena li dan jirreferi għaliha;

Emenda

(c) **Fejn disponibbli**, ir-rapporti tal-allokazzjoni annwali tal-bonds **sostenibbli msemmija** fl-Artikolu 9, kull sena sal-allokazzjoni sħiħa tar-rikavati mill-bond **sostenibbli kkonċernat**, mhux aktar tard minn tliet xhur wara tmiem is-sena li dan jirreferi għaliha;

Or. en

Emenda 95

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) fejn disponibbli, il-pjan ta' allinjament mat-tassonomija msemmi fl-Artikolu 6;

Or. en

Emenda 96

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) ir-rieżamijiet ta' wara l-ħruġ tar-rapporti tal-allokkazzjoni tal-bonds **ekoloġiċi Ewropej** imsemmija fl-Artikolu 9;

(d) **fejn disponibbli**, ir-rieżamijiet ta' wara l-ħruġ tar-rapporti tal-allokkazzjoni tal-bonds **sostenibbli** msemmija fl-Artikolu 9;

Or. en

Emenda 97

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) ir-rapport tal-impatt tal-bonds **ekoloġiċi Ewropej** imsemmi fl-Artikolu 10.

(e) ir-rapport tal-impatt tal-bonds **sostenibbli** msemmi fl-Artikolu 10.

Or. en

Emenda 98

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) fejn disponibbli, il-pjan ta' tranżizzjoni msemmi fl-Artikolu 7b;

Or. en

Emenda 99

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) meta l-bonds **ekoloġiċi Ewropej** jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu elenkati f'suq fi Stat Membru wieħed biss, b'lingwa aċċettata mill-awtorità kompetenti, kif imsemmi fl-Artikolu 36 ta' dan ir-Regolament, ta' dak l-Istat Membru;

(a) meta l-bonds **sostenibbli** jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu elenkati f'suq fi Stat Membru wieħed biss, b'lingwa aċċettata mill-awtorità kompetenti, kif imsemmi fl-Artikolu 36 ta' dan ir-Regolament, ta' dak l-Istat Membru;

Or. en

Emenda 100

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) meta l-bonds **ekoloġiċi Ewropej** jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu elenkati f'suq f'żewġ Stati Membri jew aktar, jew b'lingwa aċċettata mill-awtorità kompetenti, kif imsemmi fl-Artikolu 37 ta' dan ir-Regolament, ta' kull Stat Membru, jew b'lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali, skont l-għażla tal-emittent.

(b) meta l-bonds **sostenibbli** jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu elenkati f'suq f'żewġ Stati Membri jew aktar, jew b'lingwa aċċettata mill-awtorità kompetenti, kif imsemmi fl-Artikolu 37 ta' dan ir-Regolament, ta' kull Stat Membru, jew b'lingwa abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali, skont l-għażla tal-emittent.

Or. en

Emenda 101

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. B'deroga mill-paragrafu 2, meta prospett għall-bond **ekoloġiku Ewropew** ikun se jiġi ppubblikat f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1129, l-informazzjoni li tkun fid-dokumenti msemija fil-punti (a), (c) u (e) tal-paragrafu 1 għandha tingħata bil-lingwa jew bil-lingwi ta' dak il-prospett.

Emenda

3. B'deroga mill-paragrafu 2, meta prospett għall-bond **sostenibbli** jkun se jiġi ppubblikat f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1129, l-informazzjoni li tkun fid-dokumenti msemija fil-punti (a), (c) u (e) tal-paragrafu 1 għandha tingħata bil-lingwa jew bil-lingwi ta' dak il-prospett.

Or. en

Emenda 102

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-emittenti tal-bonds **ekoloġiċi Ewropej** għandhom jinnotifikaw lill-Awtorità Nazzjonali Kompetenti msemija fl-Artikolu 36 dwar il-pubblikazzjoni tad-dokumenti kollha msemija fil-paragrafu 1 mingħajr dewmien żejjed.

Emenda

4. L-emittenti tal-bonds **sostenibbli** għandhom jinnotifikaw lill-Awtorità Nazzjonali Kompetenti msemija fl-Artikolu 36 dwar il-pubblikazzjoni tad-dokumenti kollha msemija fil-paragrafu 1 mingħajr dewmien żejjed.

Or. en

Emenda 103

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-emittenti tal-bonds **ekoloġiċi Ewropej** għandhom jinnotifikaw lill-

Emenda

5. L-emittenti tal-bonds **sostenibbli** għandhom jinnotifikaw lill-ESMA dwar il-

ESMA dwar il-pubblikazzjoni tad-dokumenti kollha msemija fil-paragrafu 1 fi żmien 30 jum.

pubblikazzjoni tad-dokumenti kollha msemija fil-paragrafu 1 fi żmien 30 jum.

Or. en

Emenda 104

Proposta għal regolament Titolu III – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Rieżaminaturi esterni għall-Bonds
Ekoloġiċi Ewropej

Rieżaminaturi esterni għall-bonds
sostenibbli

Or. en

Emenda 105

Proposta għal regolament Titolu III – Kapitolu I – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Kundizzjonijiet għall-bidu tal-attivitajiet
bħala rieżaminatur estern għall-bonds
ekoloġiċi Ewropej

Kundizzjonijiet għall-bidu tal-attivitajiet
bħala rieżaminatur estern għall-bonds
sostenibbli

Or. en

Emenda 106

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Ir-rieżaminaturi esterni għall-bonds
ekoloġiċi Ewropej għandhom, qabel ma
jibdw l-attivitajiet tagħhom, jirreġistraw
mal-ESMA.

1. Ir-rieżaminaturi esterni għall-bonds
sostenibbli għandhom, qabel ma jibdw l-
attivitajiet tagħhom, jirreġistraw mal-
ESMA.

Emenda 107

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-awdituri tal-Istat u entitajiet pubbliċi oħrajn b'mandat mill-emittenti sovrani biex jivvalutaw il-konformità ma' dan ir-Regolament ma għandhomx ikunu soġġetti għat-Titolu III u t-Titolu IV ta' dan ir-Regolament.

Emenda

3. L-awdituri tal-Istat u entitajiet pubbliċi oħrajn b'mandat mill-emittenti sovrani **mill-Unjoni** biex jivvalutaw il-konformità ma' dan ir-Regolament ma għandhomx ikunu soġġetti għat-Titolu III u t-Titolu IV ta' dan ir-Regolament.

Emenda 108

Proposta għal regolament Artikolu 15 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala rieżaminatur estern għall-Bonds **Ekoloġiċi Ewropej**

Emenda

Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala rieżaminatur estern għall-bonds **sostenibbli**

Emenda 109

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala rieżaminatur estern għall-bonds **ekoloġiċi Ewropej** għandu jkun fiha l-informazzjoni kollha li ġejja:

Emenda

1. Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala rieżaminatur estern għall-bonds **sostenibbli** għandu jkun fiha l-informazzjoni kollha li ġejja:

Emenda 110

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) il-pjanijiet ta' negozju u l-istrutturi ta' governanza tal-applikant;

Or. en

Emenda 111

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-ESMA għandha tissottometti l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa [PO: Jekk jogħġbok daħħal id-data **12-il** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ].

L-ESMA għandha tissottometti l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa [PO: Jekk jogħġbok daħħal id-data **24** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ].

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ESMA titlob li gradwalment jiddaħħlu l-RTSs

Emenda 112

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [PO: Jekk jogħġbok daħħal id-data **12-il** xahar wara d-data tad-

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [PO: Jekk jogħġbok daħħal id-data **36** xahar wara d-data tad-

dħul fis-seħħ].

dħul fis-seħħ].

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ESMA titlob li gradwalment jiddaħħlu l-RTSs

Emenda 113

**Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [PO: Jekk jogħġbok daħħal id-data **12-il** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ].

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [PO: Jekk jogħġbok daħħal id-data **24** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ].

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ESMA titlob li gradwalment jiddaħħlu l-RTSs

Emenda 114

**Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [PO: Jekk jogħġbok daħħal id-data **12-il** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ].

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [PO: Jekk jogħġbok daħħal id-data **24** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ].

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ESMA titlob li gradwalment jiddaħħlu l-RTSs

Emenda 115

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [PO: Jekk jogħġbok daħħal id-data **12-il** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ].

Emenda

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [PO: Jekk jogħġbok daħħal id-data **24** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ].

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ESMA titlob li gradwalment jiddaħħlu l-RTSs

Emenda 116

Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Ir-rieżaminaturi esterni li jsiru konxji ta' żbalji fil-metodoloġiji tal-valutazzjonijiet tagħhom jew fl-applikazzjoni tagħhom li jkollhom impatt materjali fuq rieżami ta' qabel il-ħruġ kif imsemmi fl-Artikolu 8 jew rieżami ta' wara l-ħruġ kif imsemmi fl-Artikolu 9 għandhom jinnotifikaw minnufih u jispjegaw dawk l-iżbalji lill-ESMA u lill-emittenti tal-bonds **ekoloġiċi Ewropej** affettwati.

Emenda

1. Ir-rieżaminaturi esterni li jsiru konxji ta' żbalji fil-metodoloġiji tal-valutazzjonijiet tagħhom jew fl-applikazzjoni tagħhom li jkollhom impatt materjali fuq rieżami ta' qabel il-ħruġ kif imsemmi fl-Artikolu 8 jew rieżami ta' wara l-ħruġ kif imsemmi fl-Artikolu 9 għandhom jinnotifikaw minnufih u jispjegaw dawk l-iżbalji lill-ESMA u lill-emittenti tal-bonds **sostenibbli** affettwati.

Or. en

Emenda 117

Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Ir-rieżaminaturi esterni ma għandhomx jesternalizzaw il-funzjoni ta' verifika tal-konformità tagħhom.

Emenda

2. Ir-rieżaminaturi esterni **għandhom jiġġustifikaw kif xieraq deċiżjoni li jesternalizzaw parti mill-attivitajiet ta' valutazzjoni tagħhom. Ir-rieżaminaturi esterni** ma għandhomx jesternalizzaw **l-attivitajiet ta' valutazzjoni kollha tagħhom, jew** il-funzjoni ta' verifika tal-konformità tagħhom.

Or. en

Emenda 118

**Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. Ir-rieżaminaturi esterni għandhom jinnotifikaw lill-ESMA dwar dawk l-attivitajiet ta' valutazzjoni tagħha li għandhom jiġu esternalizzati, inkluż speċifikazzjoni tal-livell ta' riżorsi umani u tekniċi meħtieġa biex titwettaq kull waħda minn dawk l-attivitajiet.

Emenda

3. Ir-rieżaminaturi esterni għandhom jinnotifikaw lill-ESMA dwar dawk l-attivitajiet ta' valutazzjoni tagħha li għandhom jiġu esternalizzati, inkluż speċifikazzjoni tal-livell ta' riżorsi umani u tekniċi meħtieġa biex titwettaq kull waħda minn dawk l-attivitajiet. **L-ESMA għandha, fi żmien 30 jum wara d-data tal-wasla ta' dik in-notifika, tapprova jew tirrifjuta l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni. L-ESMA għandha tirrifjuta l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni jekk tqis li r-rieżaminatur estern ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-paragrafi 1, 2 u 4.**

Or. en

Emenda 119

**Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 7 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-kriterji biex jiġi żgurat li t-twertiq tal-attivitajiet ta' valutazzjoni ma jfixkilx materjalment il-kwalità tal-kontroll intern tar-rieżaminaturi esterni jew il-kapaċità tal-ESMA li tissorvelja l-konformità tar-rieżaminaturi esterni ma' dan ir-Regolament.

Emenda

(b) il-kriterji biex jiġi żgurat li t-twertiq tal-attivitajiet ta' valutazzjoni ma jfixkilx materjalment il-kwalità tal-kontroll intern tar-rieżaminaturi esterni jew il-kapaċità tal-ESMA li tissorvelja l-konformità tar-rieżaminaturi esterni ma' dan ir-Regolament, ***inklużi limiti potenzjali rigward l-attivitajiet ta' valutazzjoni li jistgħu jiġu esternalizzati.***

Or. en

Emenda 120

**Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta l-ESMA tkun irtirat ir-reġistrazzjoni ta' rieżaminatur estern f'konformità mal-Artikolu 51(1), dak ir-rieżaminatur estern għandu jiżgura li r-rekords u d-dokumenti jinżammu għal ħames snin addizzjonali. Ir-rekords u d-dokumenti li jistabbilixxu d-drittijiet u l-obbligi rispettivi tar-rieżaminatur estern u tal-emittent tal-bond ***ekoloġiku Ewropew*** skont ftehim li jiġu pprovduti servizzi ta' valutazzjoni għandhom jinżammu għad-durata tar-relazzjoni ma' dak l-emittent.

Emenda

3. Meta l-ESMA tkun irtirat ir-reġistrazzjoni ta' rieżaminatur estern f'konformità mal-Artikolu 51(1), dak ir-rieżaminatur estern għandu jiżgura li r-rekords u d-dokumenti jinżammu għal ħames snin addizzjonali. Ir-rekords u d-dokumenti li jistabbilixxu d-drittijiet u l-obbligi rispettivi tar-rieżaminatur estern u tal-emittent tal-bond ***sostenibbli*** skont ftehim li jiġu pprovduti servizzi ta' valutazzjoni għandhom jinżammu għad-durata tar-relazzjoni ma' dak l-emittent.

Or. en

Emenda 121

**Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Ir-rieżaminaturi esterni għandhom

Emenda

1. Ir-rieżaminaturi esterni għandhom

jidentifikaw, jeliminaw, jimmaniġġaw u jiżvelaw b'mod trasparenti kwalunkwe kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali, irrispettivament minn jekk dak il-kunflitt ta' interess jikkonċernax l-analisti jew l-impjegati tagħhom, kwalunkwe persuna li tkun kuntrattwalment relatata mar-rieżaminaturi esterni u li tkun direttament involuta fl-attivitajiet ta' valutazzjoni, jew il-persuni li japprovaw ir-rieżamijiet ta' qabel il-ħruġ u r-rieżamijiet ta' wara l-ħruġ.

jidentifikaw, jeliminaw, jimmaniġġaw u jiżvelaw b'mod trasparenti kwalunkwe kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali, irrispettivament minn jekk dak il-kunflitt ta' interess jikkonċernax l-analisti jew l-impjegati tagħhom, ***l-azzjonisti***, kwalunkwe persuna li tkun kuntrattwalment relatata mar-rieżaminaturi esterni u li tkun direttament involuta fl-attivitajiet ta' valutazzjoni, jew il-persuni li japprovaw ir-rieżamijiet ta' qabel il-ħruġ u r-rieżamijiet ta' wara l-ħruġ.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu "azzjonist" jinkludi s-sidien benefiċjarji, kif definiti fl-Artikolu 3(6) tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}.

^{1a} ***Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).***

Or. en

Emenda 122

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. It-tariffi imposti mir-rieżaminaturi esterni għas-servizzi ta' valutazzjoni ma għandhomx jiddependu ***fuq ir-riżultat*** tar-rieżami ta' qabel jew ta' wara l-ħruġ, jew fuq kwalunkwe riżultat jew eżitu ieħor tax-

Emenda

2. It-tariffi imposti mir-rieżaminaturi esterni għas-servizzi ta' valutazzjoni ***għandhom jiġu miftiehma mir-rieżaminatur u l-emittent qabel ir-rieżami u*** ma għandhomx jiddependu ***mir-riżultat*** tar-rieżami ta' qabel jew ta' wara l-ħruġ,

xogħol imwettaq.

jew fuq kwalunkwe riżultat jew eżitu ieħor tax-xogħol imwettaq.

Or. en

Emenda 123

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Rieżaminatur estern ma għandux joħroġ rieżami fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin u, fil-każ ta' rieżami eżistenti, għandu jiżvelaw minnufih fejn tali rieżami jkun potenzjalment affettwat minn kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) ir-rieżaminatur estern jew persuna msemmija fil-paragrafu 1, direttament jew indirettament jippossjedu strumenti finanzjarji tal-entità rieżaminata jew kwalunkwe parti terza relatata oħra jew għandhom xi interess ta' pussess dirett jew indirett f'dik l-entità jew parti, minbarra parteċipazzjonijiet fi skemi ta' investiment kollettiv diversifikat inklużi fondi amministrati bħal fondi tal-pensjonijiet jew assigurazzjoni fuq il-ħajja;

(b) azzjonista jew membru tar-rieżaminatur estern li għandu 10 % jew aktar mill-kapital jew mid-drittijiet tal-vot ta' dak ir-rieżaminatur jew inkella li jkun f'qagħda li jeżerċita influwenza sinifikanti fuq l-attivitajiet tan-negozju tar-rieżaminatur, ikollu 10 % jew aktar tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot tal-entità rieżaminata jew ta' parti terza relatata, jew ta' kwalunkwe interess ieħor ta' sjieda f'dik l-entità rieżaminata jew parti terza, esklużi parteċipazzjonijiet fi skemi kollettivi u diversifikati ta' investiment u fondi ġestiti bħall-fondi tal-pensjoni jew l-assigurazzjoni tal-ħajja, li ma jpoġġuhx

f'qagħda li jeżerċita influwenza sinifikanti fuq l-attivitajiet ta' negozju tal-iskema;

(c) ir-rieżami estern jinħareġ fir-rigward tal-entità rieżaminata jew ta' parti terza relatata direttament jew indirettament marbuta mar-rieżaminatur estern permezz ta' kontroll;

(d) ir-rieżami estern jinħareġ fir-rigward ta' entità rieżaminata jew parti terza relatata li għandha 10 % jew aktar mill-kapital jew mid-drittijiet tal-vot ta' dak ir-rieżaminatur estern;

(e) il-persuna msemmija fil-paragrafu 1 hija membru tal-bordijiet amministrattivi jew superviżorji tal-entità rieżaminata jew parti terza relatata;

(f) azzjonist jew membru ta' rieżaminatur estern li għandu 10 % jew aktar mill-kapital jew mid-drittijiet tal-vot ta' dak ir-rieżaminatur estern jew inkella li jkun f'qagħda li jeżerċita influwenza sinifikanti fuq l-attivitajiet tan-negozju tar-rieżaminatur estern, huwa membru tal-bord amministrattiv jew superviżorju tal-entità rieżaminata jew parti terza relatata; jew

(g) analista ta' gradazzjoni li pparteċipa fil-proċess biex jiġi stabbilit eżitu ta' rieżami, jew persuna li approvat rieżami, li kellha kwalunkwe rabta mal-entità rieżaminata jew ma' parti terza relatata magħha, li tista' toħloq konflitt ta' interess.

Or. en

Emenda 124

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4b. Meta tiddetermina li d-dispożizzjonijiet f'dan l-Artikolu mhumiex

biżżejjed biex jevitaw li jinħolqu kunflitti ta' interess li jistgħu jkunu ta' detriment għall-kredibbiltà tas-suq tal-bonds sostenibbli, l-ESMA tista' theggi abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar rekwiżiti mmirati biex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess ta' rieżaminaturi esterni.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Or. en

Emenda 125

Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-rieżaminaturi esterni li jipprovdu servizzi għajr attivitajiet ta' valutazzjoni għandhom jiżguraw li dawk is-servizzi l-oħrajn ma joħolqux kunflitti ta' interess mal-attivitajiet ta' valutazzjoni tagħhom li jikkonċernaw il-bonds **ekoloġiċi Ewropej**. Dawn ir-rieżaminaturi esterni għandhom jiżvelaw fir-rieżamijiet ta' qabel u ta' wara l-ħruġ tagħhom kwalunkwe servizz ieħor ipprovdut għall-entità vvalutata jew għal kwalunkwe parti terza relatata.

Emenda

Ir-rieżaminaturi esterni li jipprovdu servizzi għajr attivitajiet ta' valutazzjoni għandhom jiżguraw li dawk is-servizzi l-oħrajn ma joħolqux kunflitti ta' interess mal-attivitajiet ta' valutazzjoni tagħhom li jikkonċernaw il-bonds **sostenibbli**. Dawn ir-rieżaminaturi esterni għandhom jiżvelaw fir-rieżamijiet ta' qabel u ta' wara l-ħruġ tagħhom kwalunkwe servizz ieħor ipprovdut għall-entità vvalutata jew għal kwalunkwe parti terza relatata.

Or. en

Emenda 126

Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) f'taqsimha separata intitolata "**Standard għall-bonds ekoloġiċi Ewropej**" - Rieżamijiet ta' qabel il-ħruġ", ir-rieżamijiet ta' qabel il-ħruġ li jkunu nħarġu;

Emenda

(a) f'taqsimha separata intitolata "**Bonds sostenibbli**" - Rieżamijiet ta' qabel il-ħruġ", ir-rieżamijiet ta' qabel il-ħruġ li jkunu nħarġu;

Or. en

Emenda 127

**Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) f'taqsimha separata intitolata "**Standard għall-bonds ekoloġiċi Ewropej**" - Rieżamijiet ta' wara l-ħruġ", ir-rieżamijiet ta' wara l-ħruġ li jkunu nħarġu.

Emenda

(b) f'taqsimha separata intitolata "**Bonds sostenibbli**" - Rieżamijiet ta' wara l-ħruġ", ir-rieżamijiet ta' wara l-ħruġ li jkunu nħarġu.

Or. en

Emenda 128

**Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

(ba) *f'taqsimha separata bit-titolu "**Bonds sostenibbli - rieżamijiet tar-rapporti tal-impatt**", ir-rieżamijiet tar-rapporti tal-impatt li jkunu nħarġu.*

Emenda

Or. en

Emenda 129

**Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. Ir-rieżamijiet ta' wara l-ħruġ imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku mingħajr dewmien wara l-valutazzjoni tar-rapporti tal-allokazzjoni mir-rieżaminatur estern.

Emenda

3. Ir-rieżamijiet ta' wara l-ħruġ imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ***u r-rieżamijiet tar-rapporti tal-impatt msemmija fil-punt (ba) tal-paragrafu 1*** għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku mingħajr dewmien wara l-valutazzjoni tar-rapporti tal-allokazzjoni mir-rieżaminatur estern.

Or. en

Emenda 130

**Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. Ir-rieżamijiet ta' qabel il-ħruġ imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ***u r-rieżamijiet*** ta' wara l-ħruġ imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 għandhom jibqgħu disponibbli għall-pubbliku mill-inqas sal-maturità tal-bond wara l-pubblikazzjoni tagħhom fuq is-sit web tar-rieżaminatur estern.

Emenda

4. Ir-rieżamijiet ta' qabel il-ħruġ imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1, ***ir-rieżamijiet*** ta' wara l-ħruġ imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1, ***u r-rieżamijiet tar-rapporti tal-impatt imsemmija fil-punt (ba) tal-paragrafu 1***, għandhom jibqgħu disponibbli għall-pubbliku mill-inqas sal-maturità tal-bond wara l-pubblikazzjoni tagħhom fuq is-sit web tar-rieżaminatur estern.

Or. en

Emenda 131

**Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Rieżaminatur estern ta' pajjiż terz jista' jipprovdi s-servizzi tiegħu f'konformità ma' dan ir-Regolament lill-emittenti li joħorġu bonds ***ekoloġiċi***

Emenda

1. Rieżaminatur estern ta' pajjiż terz jista' jipprovdi s-servizzi tiegħu f'konformità ma' dan ir-Regolament lill-emittenti li joħorġu bonds ***sostenibbli*** meta

Ewropej meta dak ir-rieżaminatur estern ta' pajjiż terz ikun irreġistrat fir-reġistru tar-rieżaminaturi esterni ta' pajjiż terz miżmum mill-ESMA f'konformità mal-Artikolu 59.

dak ir-rieżaminatur estern ta' pajjiż terz ikun irreġistrat fir-reġistru tar-rieżaminaturi esterni ta' pajjiż terz miżmum mill-ESMA f'konformità mal-Artikolu 59.

Or. en

Emenda 132

Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni

10. Ir-rieżaminaturi esterni ta' pajjiż terz li jipprovdu servizzi f'konformità ma' dan l-Artikolu għandhom, qabel ma jipprovdu kwalunkwe servizz fir-rigward tal-emittenti tal-bonds **ekoloġiċi Ewropej** stabbiliti fl-Unjoni, joffru li jressqu kwalunkwe tilwim relatat ma' dawk is-servizzi lill-ġuriżdizzjoni ta' qorti jew tribunal tal-arbitraġġ fi Stat Membru.

Emenda

10. Ir-rieżaminaturi esterni ta' pajjiż terz li jipprovdu servizzi f'konformità ma' dan l-Artikolu għandhom, qabel ma jipprovdu kwalunkwe servizz fir-rigward tal-emittenti tal-bonds **sostenibbli** stabbiliti fl-Unjoni, joffru li jressqu kwalunkwe tilwim relatat ma' dawk is-servizzi lill-ġuriżdizzjoni ta' qorti jew tribunal tal-arbitraġġ fi Stat Membru.

Or. en

Emenda 133

Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Rieżaminatur estern ta' pajjiż terz stabbilit f'pajjiż li l-qafas legali u superviżorju tiegħu jkun ġie rikonoxxut bħala effettivament ekwivalenti f'konformità mal-paragrafu 1, u li jkun irreġistrat fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 59, għandu jkun jista' jipprovdi s-servizzi koperti mir-reġistrazzjoni lill-emittenti tal-bonds **ekoloġiċi Ewropej** madwar l-Unjoni kollha.

Emenda

4. Rieżaminatur estern ta' pajjiż terz stabbilit f'pajjiż li l-qafas legali u superviżorju tiegħu jkun ġie rikonoxxut bħala effettivament ekwivalenti f'konformità mal-paragrafu 1, u li jkun irreġistrat fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 59, għandu jkun jista' jipprovdi s-servizzi koperti mir-reġistrazzjoni lill-emittenti tal-bonds **sostenibbli** madwar l-Unjoni kollha.

Or. en

Emenda 134

Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) L-ESMA tkun irreferiet il-kwistjoni lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz u dik l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz ma tkunx ħadet il-miżuri xierqa meħtieġa biex tipproteġi lill-investituri u l-funzjonament tajjeb tas-swieq fl-Unjoni jew tkun naqset milli turi li r-rieżaminatur estern ta' pajjiż terz ikkonċernat jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli għalih fil-pajjiż terz;

imħassar

Or. en

Emenda 135

Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) L-ESMA tkun infurmat lill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz dwar l-intenzjoni tagħha li tirtira r-reġistrazzjoni tar-rieżaminatur estern ta' pajjiż terz mill-inqas 30 jum qabel l-irtirar.

imħassar

Or. en

Emenda 136

Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Malli tikkonferma li waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel

subparagrafu hija ssodisfata, l-ESMA għandha tirreferi l-kwistjoni lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz. Jekk dik l-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz ma tkunx ħadet il-miżuri xierqa meħtieġa biex tiproteġi lill-investituri u l-funzjonament xieraq tas-swieq fl-Unjoni jew tkun naqset milli turi li r-rieżaminatur estern ta' pajjiż terz ikkonċernat jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli għalih fil-pajjiż terz, l-ESMA għandha tirtira r-reġistrazzjoni tar-rieżaminatur estern ta' pajjiż terz mill-inqas 30 jum wara li tkun innotifikat lill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz bl-intenzjoni tagħha li tirtira r-reġistrazzjoni.

Or. en

Emenda 137

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-ESMA għandha tivvaluta jekk l-applikazzjoni għar-rikonossiment minn qabel mill-ESMA tkunx mimlija kollha fi żmien **20** jum tax-xogħol wara l-wasla tal-applikazzjoni.

Emenda

L-ESMA għandha tivvaluta jekk l-applikazzjoni għar-rikonossiment minn qabel mill-ESMA tkunx mimlija kollha fi żmien **30** jum tax-xogħol wara l-wasla tal-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 138

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 5 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Fi żmien **45** jum tax-xogħol mill-wasla tal-applikazzjoni mimlija kollha msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-ESMA għandha tivverifika li l-

Emenda

Fi żmien **60** jum tax-xogħol mill-wasla tal-applikazzjoni mimlija kollha msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-ESMA għandha tivverifika li l-

kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 jiġu ssodisfati.

kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 jiġu ssodisfati.

Or. en

Emenda 139

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [PO: Jekk jogħġbok daħħal id-data **16-il** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ].

Emenda

L-ESMA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [PO: Jekk jogħġbok daħħal id-data **24** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ].

Or. en

Emenda 140

Proposta għal regolament Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) li jissospendu offerta tal-bonds ***ekoloġiċi Ewropej għal massimu ta' 10 ijiem tax-xogħol konsekuttivi fi kwalunkwe okkażjoni unika*** meta jkun hemm bażi raġonevoli biex jissuspettaw li kien hemm ksur tal-Artikoli 8 sa 13 ta' dan ir-Regolament;

Emenda

(e) li jissospendu offerta tal-bonds ***sostenibbli*** meta jkun hemm bażi raġonevoli biex jissuspettaw li kien hemm ksur tal-Artikoli 8 sa 13 ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 141

Proposta għal regolament Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) li jipprojbixxu jew jissospendu r-reklami jew jirrikjedu lill-emittenti tal-bonds **ekoloġiċi Ewropej** jew lill-intermedjarji finanzjarji kkonċernati jwaqqfu jew jissospendu r-reklami **għal massimu ta' 10 ijiem tax-xogħol konsekuttivi fi kwalunkwe okkażjoni unika** meta jkun hemm bażi raġonevoli biex jemmnu li kien hemm ksur tal-Artikoli 8 sa 13 ta' dan ir-Regolament;

Emenda

(f) li jipprojbixxu jew jissospendu r-reklami jew jirrikjedu lill-emittenti tal-bonds **sostenibbli** jew lill-intermedjarji finanzjarji kkonċernati jwaqqfu jew jissospendu r-reklami meta jkun hemm bażi raġonevoli biex jemmnu li kien hemm ksur tal-Artikoli 8 sa 13 ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 142

**Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt g**

Test propost mill-Kummissjoni

(g) li jippubblikaw il-fatt li emittent tal-bonds **ekoloġiċi Ewropej** ikun qed jonqos milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont l-Artikoli 8 sa 13 ta' dan ir-Regolament;

Emenda

(g) li jippubblikaw il-fatt li emittent tal-bonds **sostenibbli** ikun qed jonqos milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont l-Artikoli 8 sa 13 ta' dan ir-Regolament **u li jirrikjedu lill-emittent jippubblika dik l-informazzjoni fuq is-sit web tiegħu u jinforma lill-investituri fil-bond sostenibbli bin-nuqqas ta' konformità**;

Or. en

Emenda 143

**Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

(ga) li jipprojbixxu lil emittent milli joħroġ bonds ekoloġiċi Ewropej jew bonds sostenibbli għal perjodu ta' żmien ta' mhux aktar minn 10 snin;

Emenda

Emenda 144

**Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) ksur tal-Artikoli 8 sa 13;

(a) ksur tal-Artikoli 4 sa 13;

Emenda 145

**Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) in-nuqqas ta' konformità mal-pjan ta' allinjament mat-tassonomija msemmi fl-Artikolu 6;

Emenda 146

**Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt bb (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) nuqqas ta' konformità mal-pjan ta' tranżizzjoni msemmi fl-Artikolu 7b.

Emenda 147

**Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) dikjarazzjoni pubblika li tindika l-persuna fiżika jew l-entità **ġuridika** responsabbli u n-natura tal-ksur f'konformità mal-punt (g) tal-Artikolu 37(1);

Emenda

(a) dikjarazzjoni pubblika li tindika l-persuna fiżika jew l-entità responsabbli u n-natura tal-ksur f'konformità mal-punt (g) tal-Artikolu 37(1);

Or. en

Emenda 148

Proposta għal regolament

Artikolu 41 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ordni li teħtieġ lill-persuna fiżika jew entità **ġuridika** responsabbli li twaqqaf l-imġiba li tikkostitwixxi l-ksur;

Emenda

(b) ordni li teħtieġ lill-persuna fiżika jew entità responsabbli li twaqqaf l-imġiba li tikkostitwixxi l-ksur;

Or. en

Emenda 149

Proposta għal regolament

Artikolu 41 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) ordni li tipprojbixxi lill-persuna fiżika jew lill-entità ġuridika responsabbli milli joħorġu bonds ekoloġiċi Ewropej jew bonds sostenibbli għal perjodu ta' żmien ta' mhux aktar minn 10 snin;

Or. en

Emenda 150

Proposta għal regolament

Artikolu 60 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli dwar ir-Regoli Proċedurali għat-teħid ta' miżuri superviżorji u għall-impożizzjoni ta' multi u ta' tariffi ta' reġistrazzjoni, ta' rikonoxximent u dawk superviżorji għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' [*xahrejn*] min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li dawn mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b' [*xahrejn*] fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli dwar ir-Regoli Proċedurali għat-teħid ta' miżuri superviżorji u għall-impożizzjoni ta' multi u ta' tariffi ta' reġistrazzjoni, ta' rikonoxximent u dawk superviżorji għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' [*tljet xhur*] min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li dawn mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b' [*tljet xhur*] fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 151

**Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 4a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Bonds sostenibbli maħruġa qabel ...[id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] mhumiex meħtieġa jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament

Or. en

Emenda 152

**Proposta għal regolament
Artikolu 63a (ġdid)**

Artikolu 63a

Rieżami

1. Sa Diċembru 2023, u kull tliet snin wara dan, il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-kontribut mill-Pjattaforma dwar il-Finanzi Sostenibbli, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu jevalwa mill-inqas dan li ġej:

(a) l-adozzjoni tal-istandard Ewropew għall-bonds ekoloġiċi u s-sehem mis-suq tiegħu, kemm fl-Unjoni kif ukoll fuq livell globali;

(b) l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq it-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli;

(c) il-funzjonament tas-suq tar-rieżaminaturi esterni, li jispeċifika l-konċentrazzjoni tas-suq u l-imparzjalità tar-rieżaminaturi esterni;

(d) il-kapaċità tal-ESMA u tal-awtoritajiet nazjonali kompetenti li jeżerċitaw id-dmirijiet superviżorji tagħhom;

(e) l-adegwatezza tal-finanzjament tal-ESMA permezz ta' tariffi ta' rikonoxximent, approvazzjoni u superviżjoni;

(f) l-adegwatezza tar-reġimi ta' pajjiżi terzi previsti fil-Kapitolu IV tat-Titolu III;

(g) l-eżistenza kontinwa ta' greenwashing fis-suq tal-bonds sostenibbli.

L-ewwel darba li jiġi ppreżentat rapport f'konformità mal-ewwel subparagrafu, dan għandu jinkludi taqsima dwar l-iskadenza u l-aspetti prattiċi biex it-tikketta tal-bonds ekoloġiċi Ewropej issir obbligatorja għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli, bejn l-2025 u l-2028. Ir-rapporti sussegwenti għandhom jipproponu reviżjoni ta' dan ir-

Regolament biex it-tikketta tal-bonds ekoloġiċi Ewropej issir obligatorja għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli sal-iskadenza stabbilita.

2. Flimkien ma' kwalunkwe reviżjoni proposta tar-Regolament (UE) 2020/852, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk ir-reviżjoni proposta jistħoqqilhiex rieżami ta' dan ir-Regolament, speċifikament meta tali reviżjonijiet ikunu relatati ma' estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2020/852 għal objettivi oħra ta' sostenibbiltà, bħall-objettivi soċjali, jew għal kategoriji oħra għall-objettivi ambjentali.

Or. en

Emenda 153

Proposta għal regolament Anness I - titolu

Test propost mill-Kummissjoni

SKEDA INFORMATTIVA DWAR IL-
BOND **EKOLOĠIKU** EWROPEW

Emenda

SKEDA INFORMATTIVA DWAR IL-
BOND **SOSTENIBBLI** EWROPEW

Or. en

Emenda 154

Proposta għal regolament Anness I – punt 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

— [Data tal-pubblikazzjoni tal-iskeda
informattiva dwar il-Bonds **Ekoloġiċi**
Ewropej]

Emenda

– [Data tal-pubblikazzjoni tal-iskeda
informattiva dwar il-bonds **sostenibbli**
Ewropej]

Or. en

Emenda 155

Proposta għal regolament Anness I – punt 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

— [L-isem legali tal-mittent] [**fejn disponibbli**, LEI], [indirizz tas-sit web li jipprovdi lill-investituri b'informazzjoni dwar kif għandhom jagħmlu kuntatt, u numru tat-telefon]

Emenda

– [L-isem legali tal-mittent] [LEI], [indirizz tas-sit web li jipprovdi lill-investituri b'informazzjoni dwar kif għandhom jagħmlu kuntatt, u numru tat-telefon]

Or. en

Emenda 156

Proposta għal regolament Anness I – punt 1 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

– [Isem tal-bond assenjat mill-mittent] [**fejn disponibbli**, numri internazzjonali għall-identifikazzjoni tat-titoli (ISIN)]

Emenda

– [Isem tal-bond assenjat mill-mittent] [numri internazzjonali għall-identifikazzjoni tat-titoli (ISIN)]

Or. en

Emenda 157

Proposta għal regolament Anness I – punt 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

[Dikjarazzjoni **li turi li l-mittent** tal-bond partikolari **jaderixxi volontarjament** mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament]

Emenda

[Dikjarazzjoni **li tindika jekk l-emittent** tal-bond partikolari **joħroġx**:

- **"bond ekoloġiku Ewropew", f'konformità** mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, **jew**
- **tip ieħor ta' bond ikkummerċjalizzat bħala sostenibbli, li jindika l-istandard użat u spjegazzjoni tar-raġuni għaliex il-bond ma nħariġx f'konformità mal-istandard għal "bond ekoloġiku Ewropew"]**

Emenda 158

Proposta għal regolament Anness I – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Strateġija **ambjentali** u raġuni
fundamentali

Emenda

3. Strateġija **ta' sostenibbiltà** u raġuni
fundamentali

Emenda 159

Proposta għal regolament Anness I – punt 3 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– [Informazzjoni dwar kif il-bond
jallinja ruħu mal-istrateġija **ambjentali** usa'
tal-mittent]

Emenda

– [Informazzjoni dwar kif il-bond
jallinja ruħu mal-istrateġija usa' **ta'
sostenibbiltà** tal-mittent]

Emenda 160

Proposta għal regolament Anness I – punt 3 – inċiż 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– **[Għal bonds sostenibbli għajr
"bonds ekoloġiċi Ewropej":
Informazzjoni dwar il-kriterji użati għall-
allokazzjoni ta' bonds]**

Emenda 161

Proposta għal regolament Anness I – punt 3 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– [L-objettivi ambjentali msemmija

Emenda

– **[Fejn il-bond sostenibbli indika**

fl-Artikolu 9 tar-Regolament 2020/852
segwiti mill-bond]

***proporzjon ta' attivitajiet allinjati mat-
tassonomija, l-objettivi ambjentali
msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament
(UE) 2020/852 segwiti mill-bond]***

Or. en

Emenda 162

**Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – inċiż 2a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– ***[Objettivi oħra ta' sostenibbiltà kif
imsemmija fl-Artikolu 2(17) tar-
Regolament (UE) 2019/2088]***

Or. en

Emenda 163

**Proposta għal regolament
Anness I – punt 3 – inċiż 2b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– ***[Għal bonds marbuta mas-
sostenibbiltà: informazzjoni dwar liema
miri ta' sostenibbiltà huma stabbiliti meta
jinħareġ il-bond, jekk il-miri ambjentali
humiex ibbażati fuq ix-xjenza u jekk l-
objettivi soċjali humiex ibbażati fuq il-
politika, u x'riżultati annwali għandhom
jinkisbu.]***

Or. en

Emenda 164

**Proposta għal regolament
Anness I – punt 4 – punt 4.2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4.2 Proċess għall-għażla ta' proġetti
ekoloġiċi u stima tal-impatt ambjentali

4.2 Proċess għall-għażla ta' proġetti
sostenibbli u stima tal-impatt ambjentali ***u
soċjali***

Emenda 165

Proposta għal regolament Anness I – punt 4 – punt 4.2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– [Deskrizzjoni tal-proċessi li bihom il-mittent se jiddetermina kif il-proġetti jallinjaw **mal-kriterji** tat-tassonomija]

Emenda

– [Deskrizzjoni tal-proċessi li bihom il-mittent se jiddetermina kif il-proġetti jallinjaw **mal-istrateġija ddeterminata għall-allokazzjoni tar-rikavati mill-bonds, jew, fejn il-bond sostenibbli indika proporzjon ta' attivitajiet allinjati mat-tassonomija, mar-rekwiżiti** tat-tassonomija]

Emenda 166

Proposta għal regolament Anness I – punt 4 – punt 4.2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– [Deskrizzjoni tal-kriterji tekniċi ta' skrinjar rilevanti msemmija fl-Artikoli 10 sa 15 tar-Regolament (UE) 2020/852, u speċifikazzjoni ta' liema atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) u 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 huma kkunsidrati]

Emenda

– [**Fejn il-bond sostenibbli indika proporzjon ta' attivitajiet allinjati mat-tassonomija**, deskrizzjoni tal-kriterji tekniċi ta' skrinjar rilevanti msemmija fl-Artikoli 10 sa 15 tar-Regolament (UE) 2020/852, u speċifikazzjoni ta' liema atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) u 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 huma kkunsidrati]

Emenda 167

Proposta għal regolament Anness I – punt 4 – punt 4.2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

– [Fejn disponibbli: informazzjoni dwar il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet

Emenda

– [**Fejn il-bond sostenibbli indika proporzjon ta' attivitajiet allinjati mat-**

li għandhom jintużaw għall-kalkolu tal-metriċi tal-impatt ewlenin skont l-atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) u 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852, u għal kwalunkwe metrika tal-impatt addizzjonali. Fejn din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, dan għandu jiġi ġġustifikat.]

tassonomija u fejn disponibbli: informazzjoni dwar il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet li għandhom jintużaw għall-kalkolu tal-metriċi tal-impatt ewlenin skont l-atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) u 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852, u għal kwalunkwe metrika tal-impatt addizzjonali. Fejn din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, dan għandu jiġi ġġustifikat.]

Or. en

Emenda 168

Proposta għal regolament Anness I – punt 4 – punt 4.2 – inċiż 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- **[Għal proġetti allinjati mat-tassonomija: Deskrizzjoni ta' kif il-proġett sostenibbli jaderixxi mas-salvagwardji soċjali minimi kif imsemmi fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2020/852]**
- **[Deskrizzjoni ta' kif il-proġetti se jikkontribwixxu għall-miri u l-azzjonijiet ta' sostenibbiltà stabbiliti mill-kumpanija fil-livell tal-entità]**
- **[Fejn il-bond sostenibbli indika proporzjon ta' attivitajiet allinjati mat-tassonomija, il-proporzjon ta' attivitajiet allinjati mat-tassonomija fil-livell tal-entità qabel il-ħruġ tal-bond sostenibbli u stima indikattiva prospettiva tal-proporzjon ta' attivitajiet allinjati mat-tassonomija li se jintlaħqu fil-livell tal-entità wara l-allokazzjoni sħiħa tar-rikavati tal-bond sostenibbli u speċifikazzjoni tal-metodoloġija għall-konformità ma' dak l-obbligu ta' żvelar]**

Or. en

Emenda 169

Proposta għal regolament Anness I – punt 5 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– [Indikazzjoni ta' jekk ir-rapporti dwar l-allokazzjoni humiex se jinkludu informazzjoni għal kull proġett dwar l-ammonti żborżati u l-impatti **ambjentali** pożittivi u negattivi mistennija]

Emenda

– [Indikazzjoni ta' jekk ir-rapporti dwar l-allokazzjoni humiex se jinkludu informazzjoni għal kull proġett dwar l-ammonti żborżati u l-impatti pożittivi u negattivi mistennija **fuq is-sostenibbiltà**]

Or. en

Emenda 170

Proposta għal regolament Anness I – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Rekwiżiti fil-livell tal-entità

– [Spjegazzjoni ta' kif jew, għal **bonds sostenibbli għajr "bonds ekoloġiċi Ewropej"**, sa liema estent l-entità mittenti taderixxi mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" msemmi fir-Regolament (UE) 2019/2088, inklużi l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, inklużi l-prinċipji u d-drittijiet stabbiliti fit-tmien konvenzjonijiet fundamentali identifikati fid-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol u l-Karta Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem]

– [Dikjarazzjoni dwar il-politiki ta' **diliġenza dovuta fir-rigward tal-impatti negattivi prinċipali tad-deċiżjonijiet ta' investment fuq fatturi ta' sostenibbiltà, filwaqt li jitqiesu kif xieraq id-daqs, in-natura u l-iskala tal-attivitajiet tal-emittent; il-mod li bih ir-riskji għas-sostenibbiltà jiġu integrati fid-deċiżjoni ta'**

investment tagħhom; u l-impatti finanzjarji possibbli tar-riskji għas-sostenibbiltà. Meta l-emittent ma joħroġx bond ekoloġiku Ewropew u ma jikkunsidrax l-impatti negattivi prinċipali, dikjarazzjoni dwar għaliex ma jqishomx u jekk u meta għandu l-ħsieb li jqis dawn l-impatti negattivi]

– *[Indikazzjoni tal-attività tal-emittent fil-ġurisdizzjonijiet elenkati fl-Anness I u fl-Anness II tal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal rifuġji fiskali u l-preżenza ekonomika reali tagħhom f'dawn il-ġurisdizzjonijiet f'termini ta' assi, impjegati full-time, bejgħ u taxxi mħallsa f'dawn il-ġurisdizzjonijiet]*

– *[Link għall-pjan ta' tranżizzjoni tal-kumpanija msemmi fl-Artikolu 7b.]*

Or. en

Emenda 171

Proposta għal regolament Anness I – punt 6 – inċiż 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– *[Tariffi u spejjeż imġarrba mill-emittent fir-rigward tal-ħruġ]*

Or. en

Emenda 172

Proposta għal regolament Anness II – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

RAPPORT ANNWALI DWAR L-
ALLOKAZZJONI TAL-BONDS
EKOLOĠIĊI EWROPEJ

RAPPORT ANNWALI DWAR L-
ALLOKAZZJONI TAL-BONDS
SOSTENIBBLI EWROPEJ

Or. en

Emenda 173

Proposta għal regolament Anness II – punt 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

[Dikjarazzjoni li turi li r-rikavati ġew allokat i skont **ir-*rekwiżiti*** ta' dan ir-Regolament]

Emenda

[Dikjarazzjoni li turi li r-rikavati ***mill- "bond ekoloġiku Ewropew"*** ġew allokat i skont ***l-Artikoli 4 sa 7b*** ta' dan ir-Regolament ***jew, jekk il-bond ma jkunx "bond ekoloġiku Ewropew", il-perċentwal tar-rikavati li ġew allokat i skont dawn ir-*rekwiżiti****]

Or. en

Emenda 174

Proposta għal regolament Anness II – punt 3 – punt A – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– L-objettivi ambjentali msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament 2020/852

Emenda

– L-objettivi ambjentali msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament 2020/852 ***jew kwalunkwe objettiv ieħor ta' sostenibbiltà msemmi fl-Artikolu 2(17) tar-Regolament 2019/2088***

Or. en

Emenda 175

Proposta għal regolament Anness II – punt 3 – punt A – inċiż 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– ***[Jekk il-proġett jikkonċernax attività ekonomika li hija attività ta' tranżizzjoni f'konformità mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2020/852]***

Or. en

Emenda 176

Proposta għal regolament Anness II – punt 3 – punt A – inċiż 8

Test proposit mill-Kummissjoni

- Konferma tal-konformità mal-Punt (c) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852 (salvagwardji minimi)

Emenda

- ***Meta l-proġett ikun parti mill-proporzjon indikat ta' attivitajiet allinjati mat-tassonomija***, konferma tal-konformità mal-Punt (c) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852 (salvagwardji minimi)

Or. en

Emenda 177

Proposta għal regolament Anness II – punt 3 – punt A – inċiż 9

Test proposit mill-Kummissjoni

- [Indikazzjoni ta' liema atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) jew 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 intużaw biex jiġu ddeterminati l-kriterji tekniċi ta' skrinjar tat-tassonomija, u d-dati tal-applikazzjoni tagħhom]

Emenda

- [***Meta l-proġett ikun parti mill-proporzjon indikat ta' attivitajiet allinjati mat-tassonomija***, indikazzjoni ta' liema atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) jew 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 intużaw biex jiġu ddeterminati l-kriterji tekniċi ta' skrinjar tat-tassonomija, u d-dati tal-applikazzjoni tagħhom]

Or. en

Emenda 178

Proposta għal regolament Anness II – punt 3 – punt b

Test proposit mill-Kummissjoni

Għall-mittenti li huma impriżi finanzjarji li jallokaw rikavati minn portafoll ta' diversi bonds ***ekoloġiċi Ewropej*** għal portafoll ta' assi finanzjarji kif imsemmi fl-Artikolu 5:

Emenda

Għall-mittenti li huma impriżi finanzjarji li jallokaw rikavati minn portafoll ta' diversi bonds ***sostenibbli*** għal portafoll ta' assi finanzjarji kif imsemmi fl-Artikolu 5:

Or. en

Emenda 179

Proposta għal regolament Anness II – punt 3 – punt B – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– Ħarsa ġenerali lejn il-bonds **ekoloġiċi Ewropej** pendent i kollha, li tindika l-valur individwali u kkombinat tagħhom.

Emenda

– Ħarsa ġenerali lejn il-bonds **sostenibbli** pendent i kollha, li tindika l-valur individwali u kkombinat tagħhom.

Or. en

Emenda 180

Proposta għal regolament Anness II – punt 3 – punt B – paragrafu 1 – inċiż 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

b) l-oġġettivi ambjentali msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2020/852,

Emenda

b) l-oġġettivi ambjentali msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2020/852 **jew kwalunkwe oġġettiv ieħor ta' sostenibbiltà msemmi fl-Artikolu 2(17) tar-Regolament (UE) 2019/2088**

Or. en

Emenda 181

Proposta għal regolament Anness II – punt 3 – punt B – paragrafu 1 – inċiż 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

ca) il-perċentwal ta' assi relatati ma' attivitajiet li huma ambjentalment sostenibbli kif definiti mir-Regolament (UE) 2020/852 u l-atti delegati skont dak ir-Regolament.

Or. en

Emenda 182

Proposta għal regolament Anness II – punt 3 – punt B – paragrafu 1 – inċiż 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

da) *il-perċentwal ta' assi relatati ma' attivitajiet ta' tranżizzjoni skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2020/852*

Or. en

Emenda 183

Proposta għal regolament

Anness II – punt 3 – punt B – paragrafu 1 – inċiż 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

e) indikazzjoni ta' liema atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) jew 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 intużaw biex jiġu ddeterminati l-kriterji tekniċi ta' skrinjar tat-tassonomija, mill-inqas fil-livell settorjali u tal-pajjiż, u fejn applikabbli, fil-livell tal-assi individwali,

e) ***Għall-proporzjon ta' attivitajiet allinjati mat-tassonomija:*** indikazzjoni ta' liema atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) jew 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 intużaw biex jiġu ddeterminati l-kriterji tekniċi ta' skrinjar tat-tassonomija, mill-inqas fil-livell settorjali u tal-pajjiż, u fejn applikabbli, fil-livell tal-assi individwali,

Or. en

Emenda 184

Proposta għal regolament

Anness II – punt 3 – punt B – paragrafu 1 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– Paragun tal-valur totali tal-bonds ***ekoloġiċi Ewropej*** pendenti u l-valur amortizzat totali tal-assi finanzjarji eliġibbli kif imsemmi fl-Artikolu 5. Il-paragun għandu juri li tal-aħħar huwa jew daqs jew oġhla minn tal-ewwel.

– Paragun tal-valur totali tal-bonds ***sostenibbli*** pendenti u l-valur amortizzat totali tal-assi finanzjarji eliġibbli kif imsemmi fl-Artikolu 5. Il-paragun għandu juri li tal-aħħar huwa jew daqs jew oġhla minn tal-ewwel.

Or. en

Emenda 185

Proposta għal regolament Anness II – punt 3 – punt B – paragrafu 1 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni

– Għall-finijiet tal-paragun ta' hawn fuq, il-valur totali pendenti tal-bonds **ekoloġiċi Ewropej** għandu jkun ibbażat fuq il-medja annwali tal-valuri trimestrali ta' tali bonds maħruġa minn dak il-mittent, u l-valur amortizzat totali tal-assi finanzjarji għandu jkun ibbażat fuq il-medja annwali tal-valuri trimestrali ta' dawn l-assi fuq il-karta tal-bilanċ tal-mittent.]

Emenda

– Għall-finijiet tal-paragun ta' hawn fuq, il-valur totali pendenti tal-bonds **sostenibbli** għandu jkun ibbażat fuq il-medja annwali tal-valuri trimestrali ta' tali bonds maħruġa minn dak il-mittent, u l-valur amortizzat totali tal-assi finanzjarji għandu jkun ibbażat fuq il-medja annwali tal-valuri trimestrali ta' dawn l-assi fuq il-karta tal-bilanċ tal-mittent.]

Or. en

Emenda 186

Proposta għal regolament Anness III – Titolu

Test propost mill-Kummissjoni

RAPPORT DWAR L-IMPATT TAL-BONDS **EKOLOĠIĊI** EWROPEJ

Emenda

RAPPORT DWAR L-IMPATT TAL-BONDS **SOSTENIBBLI** EWROPEJ

Or. en

Emenda 187

Proposta għal regolament Anness III – punt 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– [L-isem legali tal-mittent] [**fejn disponibbli**, LEI], [indirizz tas-sit web li jipprovdi lill-investituri b'informazzjoni dwar kif għandhom jagħmlu kuntatt, u numru tat-telefon]

Emenda

– [L-isem legali tal-mittent] [LEI], [indirizz tas-sit web li jipprovdi lill-investituri b'informazzjoni dwar kif għandhom jagħmlu kuntatt, u numru tat-telefon]

Or. en

Emenda 188

Proposta għal regolament Anness III – punt 1 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

– [L-isem tal-bond assenjat mill-mittent] [*fejn disponibbli*, ISIN]

Emenda

– [L-isem tal-bond assenjat mill-mittent] [*fejn disponibbli*, ISIN]

Or. en

Emenda 189

Proposta għal regolament Anness III – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Strateġija **ambjentali** u raġuni fundamentali

Emenda

2. Strateġija **ta' sostenibbiltà** u raġuni fundamentali

Or. en

Emenda 190

Proposta għal regolament Anness III – punt 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– [Fejn applikabbli, spjegazzjoni ta' kwalunkwe bidla fl-istrateġija **ambjentali** usa' tal-mittent mill-pubblikazzjoni tal-iskeda informattiva]

Emenda

– [Fejn applikabbli, spjegazzjoni ta' kwalunkwe bidla fl-istrateġija **ta' sostenibbiltà** usa' tal-mittent mill-pubblikazzjoni tal-iskeda informattiva]

Or. en

Emenda 191

Proposta għal regolament Anness III – punt 2 – inċiż 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– [**L-istrateġija globali ta' sostenibbiltà tal-emittent, inklużi l-isforzi tiegħu li jipromwovi l-oġettivi tas-sostenibbiltà soċjali u l-prinċipji ta'**

governanza tajba kif imsemmija fl-Artikolu 2(17) tar-Regolament (UE) 2019/2088 u l-isforzi tiegħu biex jiżgura l-aderenza mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" imsemmi fl-Artikolu 2a tar-Regolament (UE) 2019/2088]

Or. en

Emenda 192

Proposta għal regolament Anness III – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Allokazzjoni ta' rikavati minn bonds

Emenda

3. Allokazzjoni ta' rikavati minn bonds (*għall-bonds tal-użu tar-rikavati*)

Or. en

Emenda 193

Proposta għal regolament Anness III – punt 3 – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– L-objettivi ambjentali msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament 2020/852

Emenda

– l-objettivi ambjentali msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2020/852 *jew kwalunkwe objettiv ieħor ta' sostenibbiltà msemmi fl-Artikolu 2(17) tar-Regolament (UE) 2019/2088*

Or. en

Emenda 194

Proposta għal regolament Anness III – punt 3 – paragrafu 1 – inċiż 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– *Jekk il-proġett huwiex relatat ma' attività ta' tranżizzjoni skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2020/852*

Emenda 195

Proposta għal regolament Anness III – punt 3 – paragrafu 1 – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni

– Fejn applikabbli, indikazzjoni ta' dawk l-assi li kienu kkonċernati minn pjan ta' allinjament tat-tassonomija, it-tul ta' żmien ta' kull pjan, **u** d-data tat-tlestija ta' kull assi

Emenda

– Fejn applikabbli, indikazzjoni ta' dawk l-assi li kienu kkonċernati minn pjan ta' allinjament tat-tassonomija, it-tul ta' żmien ta' kull pjan, id-data tat-tlestija ta' kull assi **u link għall-pjan ta' allinjament mat-tassonomija rilevanti**

Emenda 196

Proposta għal regolament Anness III – punt 3 – paragrafu 1 – inċiż 7

Test propost mill-Kummissjoni

– indikazzjoni ta' liema atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) jew 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 intużaw biex jiġu ddeterminati l-kriterji tekniċi ta' skrinjar tat-tassonomija, mill-inqas fil-livell settorjali u tal-pajjiż, u fejn applikabbli, fil-livell tal-assi individwali,

Emenda

– **Meta l-proġett ikun parti mill-proporzjon indikat ta' attivitajiet allinjati mat-tassonomija**, indikazzjoni ta' liema atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) jew 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 intużaw biex jiġu ddeterminati l-kriterji tekniċi ta' skrinjar tat-tassonomija, mill-inqas fil-livell settorjali u tal-pajjiż, u fejn applikabbli, fil-livell tal-assi individwali,

Emenda 197

Proposta għal regolament Anness III – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-impatt **ambjentali** tar-rikavati mill-bonds

Emenda

4. L-impatt **sostenibbli** tar-rikavati mill-bonds

Emenda 198

Proposta għal regolament Anness III – punt 4 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

- [Stima tal-impatti ambjentali pożittivi u negattivi f'forma aggregata]

Emenda

- [Stima tal-impatti ambjentali **u soċjali** pożittivi u negattivi f'forma aggregata]

Or. en

Emenda 199

Proposta għal regolament Anness III – punt 4 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

- [Informazzjoni dwar il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet użati biex jiġu evalwati l-impatti tal-proġetti, fejn l-iskeda informattiva tal-bonds **ekoloġiċi** Ewropej tal-bond ma kinitx tinkludi din l-informazzjoni]

Emenda

- [Informazzjoni dwar il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet użati biex jiġu evalwati l-impatti tal-proġetti, fejn l-iskeda informattiva tal-bonds **sostenibbli** Ewropej tal-bond ma kinitx tinkludi din l-informazzjoni]

Or. en

Emenda 200

Proposta għal regolament Anness III – punt 4 – inċiż 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- [**informazzjoni dwar l-impatti soċjali pożittivi u negattivi tal-proġetti u, fejn disponibbli, il-metriċi relatati. Meta din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli fil-livell tal-proġett, dan irid ikun iġġustifikat**]

Or. en

Emenda 201

Proposta għal regolament Anness III – punt 4 – inċiż 3b (ġdid)

- *[meta ma jqisux impatti negattivi ta' deċiżjonijiet ta' investiment fuq fatturi ta' sostenibbiltà, raġunijiet ċari għaliex ma jagħmlux dan, inkluża, fejn rilevanti, informazzjoni dwar jekk u meta huma għandhom l-intenzjoni li jikkunsidraw tali impatti negattivi]*

Or. en

Emenda 202

Proposta għal regolament Anness III – punt 4a (ġdid)

- 4a. Pjan ta' tranżizzjoni (għall-emittenti ta' bonds ekoloġiċi Ewropej u bonds marbuta mas-sostenibbiltà)**
- *[dikjarazzjoni li tindika li l-emittent jikkonforma ma' xenarju ta' tisħin globali nett ta' 1.5 °C u t-tnaqqis tal-emissjonijiet li l-emittent jeħtieġ li jikseb sal-2030 u l-2050 biex jallinja ma' dak ix-xenarju;*
 - *Ħarsa ġenerali lejn il-proċessi ta' governanza fir-rigward tal-pjan, inkluż ir-rwol tal-bord tal-emittent u tal-maniġment superjuri, l-allokazzjoni ta' responsabbiltajiet u l-istrutturi ta' inċentivi stabbiliti biex jiġi ppremjat l-ilħuq tal-għanijiet;*
 - *strateġija biex jintlaħqu emissjonijiet żero netti, inkluż deskrizzjoni tal-miri intermedjarji kwantifikabbli annwali, inizjattivi azzjonabbli biex jintlaħqu dawn il-passi u l-ħtiġijiet ta' investiment futuri biex jintlaħqu l-miri;*
 - *analiżi tal-fatturi ta' riskju u l-inċertezzi li jistgħu jipprevjenu lill-emittent milli jilħaq emissjonijiet żero netti u l-miri intermedjarji;*

- **Link għall-pjan ta' tranżizzjoni sħiħ tal-emittent]**

Or. en

Emenda 203

Proposta għal regolament Anness IV – punt 1 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

- [L-isem tal-bond assenjat mill-mittent] [**fejn disponibbli**, ISIN]

Emenda

- [L-isem tal-bond assenjat mill-mittent] [**fejn disponibbli**, ISIN]

Or. en

Emenda 204

Proposta għal regolament Anness IV – punt 2 – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

- Dikjarazzjoni li rieżaminatur estern ikun ivvaluta l-iskeda informattiva dwar il-bonds **ekoloġiċi** Ewropej kompluta stabbilita fl-Anness I skont dan ir-Regolament;

Emenda

- Dikjarazzjoni li rieżaminatur estern ikun ivvaluta l-iskeda informattiva dwar il-bonds **sostenibbli** Ewropej kompluta stabbilita fl-Anness I skont dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 205

Proposta għal regolament Anness IV – punt 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

[għar-rieżamijiet tar-rapporti tal-impatt:

- **Dikjarazzjoni li rieżaminatur estern ikun ivvaluta r-rapport komplut tal-impatt stabbilit fl-Anness III;**
- **Dikjarazzjoni li dan ir-rieżami tar-rapport tal-impatt jirrappreżenta opinjoni indipendenti tar-rieżaminatur estern;**
- **Dikjarazzjoni li l-opinjoni indipendenti tar-rieżami estern għandha**

Emenda 206

Proposta għal regolament Anness IV – punt 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

[dikjarazzjoni dwar il-konformità tal-bond **ekoloġiku Ewropew** ma' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari:

Emenda

[dikjarazzjoni dwar il-konformità tal-bond **sostenibbli** ma' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari:

Emenda 207

Proposta għal regolament Anness IV – punt 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) meta l-opinjoni espressa mir-rieżaminatur indipendenti tkun **pożittiva**, dikjarazzjoni li l-bond jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u li d-denominazzjoni "bond ekoloġiku Ewropew" tista' tiġi applikata għal dak il-bond;

Emenda

(a) meta l-opinjoni espressa mir-rieżaminatur indipendenti tkun **li l-bond jaderixxi għar-rekwiżiti kollha għall-użu tad-denominazzjoni "bond ekoloġiku Ewropew"**, dikjarazzjoni li l-bond jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u li d-denominazzjoni "bond ekoloġiku Ewropew" tista' tiġi applikata għal dak il-bond;

Emenda 208

Proposta għal regolament Anness IV – punt 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) meta l-opinjoni espressa mir-rieżaminatur indipendenti tkun **negattiva**, dikjarazzjoni li l-bond ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u li d-denominazzjoni "bond ekoloġiku Ewropew" ma tistax tiġi applikata għal dak

Emenda

(b) meta l-opinjoni espressa mir-rieżaminatur indipendenti tkun **li l-bond ma jaderixxix mar-rekwiżiti kollha għall-użu tad-denominazzjoni "bond ekoloġiku Ewropew"**, dikjarazzjoni li l-bond ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' dan ir-

il-bond;

Regolament u li d-denominazzjoni "bond ekoloġiku Ewropew" ma tistax tiġi applikata għal dak il-bond, **li tindika liema rekwiżiti ma ġewx issodisfati u jekk l-informazzjoni pprovduta mill-emittent kinitx preċiża;**

Or. en

Emenda 209

Proposta għal regolament Anness IV – punt 5 – paragrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– Valutazzjoni dettaljata dwar jekk l-iskeda informattiva tal-bonds **ekoloġiċi** mimlija tikkonformax mal-Artikoli 4 sa 7 ta' dan ir-Regolament

Emenda

– **Għall-bonds ekoloġiċi Ewropej:** Valutazzjoni dettaljata dwar jekk l-iskeda informattiva tal-bonds **sostenibbli** mimlija tikkonformax mal-Artikoli 4 sa 7 ta' dan ir-Regolament

Or. en

Emenda 210

Proposta għal regolament Anness IV – punt 5 – paragrafu 1 – inċiż 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

– Valutazzjoni dettaljata dwar jekk l-iskeda informattiva mimlija kollha tal-bonds **taderixxix mal-istrateġija ta' sostenibbiltà stabbilita mill-emittent.**

Emenda

– **Għal bonds sostenibbli oħra:** Valutazzjoni dettaljata dwar jekk l-iskeda informattiva mimlija kollha tal-bonds **taderixxix mal-istrateġija ta' sostenibbiltà stabbilita mill-emittent.**

Or. en

Emenda 211

Proposta għal regolament Anness IV – punt 5 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– Valutazzjoni dettaljata dwar jekk il-mittent alloka ir-rikavat tal-bond f'konformità mal-Artikoli 4 sa 7 ta' dan ir-

Emenda

– Valutazzjoni dettaljata dwar jekk il-mittent alloka ir-rikavat tal-bond f'konformità mal-Artikoli 4 sa **7b** ta' dan ir-

Regolament, abbażi tal-informazzjoni pprovduta lir-rieżaminatur estern

Regolament, ***jew, għal bonds li mhumiex bonds ekoloġiċi Ewropej, il-grad sa fejn għamel dan***, abbażi tal-informazzjoni pprovduta lir-rieżaminatur estern

Or. en

Emenda 212

Proposta għal regolament Anness IV – punt 5 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– Valutazzjoni ta' jekk l-emittent ikkonformax mal-użu maħsub tar-rikavat stabbilit fl-iskeda informattiva tal-bonds ***ekoloġiċi***, abbażi tal-informazzjoni pprovduta lir-rieżaminatur estern

Emenda

– Valutazzjoni ta' jekk il-mittent ikkonformax mal-użu maħsub tar-rikavat stabbilit fl-iskeda informattiva tal-bonds ***sostenibbli***, abbażi tal-informazzjoni pprovduta lir-rieżaminatur estern

Or. en

Emenda 213

Proposta għal regolament Anness IV – punt 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

[għar-rieżamijiet tar-rapporti tal-impatt:

- ***valutazzjoni ta' jekk il-ħruġ tal-bond huwiex allinjat mal-istrategġija dwar is-sostenibbiltà usa' tal-emittent;***
- ***għall-bonds tal-użu tar-rikavati, verifika tal-proġetti ffinanzjati mir-rikavati tal-bonds u, fejn applikabbli, jekk il-pjan ta' allinjament mat-tassonomija ġiex irrispettat;***
- ***valutazzjoni tal-impatt imħabbar fuq is-sostenibbiltà tar-rikavati mill-bonds;***
- ***valutazzjoni tal-pjan ta' tranżizzjoni tal-emittent;***
- ***l-opinjoni tar-rieżaminatur estern dwar l-erba' valutazzjonijiet imsemmija direttament hawn fuq.***

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta għal Regolament dwar standard għall-bonds ekoloġiċi Ewropej hija parti mill-aġenda tal-UE dwar il-finanzjament tas-sostenibbiltà. Skont l-istrateġija tal-Kummissjoni għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli, l-Ewropa se jkollha bżonn madwar EUR 350 biljun f'investiment addizzjonali fis-sena matul dan id-deċennju biex tilħaq il-mira tagħha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet sal-2030 fis-sistemi tal-enerġija biss, flimkien ma' EUR 130 biljun li se jkollha bżonn għal għanijiet ambjentali oħra. Billi jstimula l-ħruġ ta' bonds li jffinanzjaw investimenti sostenibbli, standard volontarju għall-bonds ekoloġiċi Ewropej jgħin lill-kumpaniji u lis-sovrani jffinanzjaw it-tranżizzjoni lejn futur sostenibbli. Barra minn hekk, billi jipprevedi rekwiżiti ta' żvelar komparabbli u r-rieżami estern affidabbli ta' dan l-iżvelar, ir-regolament jgħin lis-suq tal-bonds ekoloġiċi jirbaħ il-fiduċja tal-investituri u jnaqqas ir-riskju ta' konsegwenzi finanzjarji negattivi għall-investituri minħabba l-greenwashing.

Għal dan il-għan, ir-regolament propost jikkonsisti fi tliet partijiet. L-ewwel nett, jirrikjedi lill-emittenti tal-bonds ekoloġiċi Ewropej jużaw ir-rikavati mill-bonds f'konformità mat-tassonomija tal-UE għal investimenti sostenibbli. It-tieni, jirrikjedi lil dawn l-emittenti jiżvelaw id-dettalji tal-proġetti li jffinanzjaw, l-allinjament tagħhom mal-oġettivi tat-tassonomija u l-istrateġija globali tagħhom għas-sostenibbiltà. It-tielet, joħloq qafas superviżorju biex jiżgura l-affidabbiltà tal-iżvelar permezz ta' rieżami obligatorju minn parti esterna. Dawn ir-rieżaminaturi esterni għandhom jiġu ssorveljati mill-ESMA. L-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti għandu jkollhom is-setgħa li jiżguraw li l-emittenti jaderixxu mar-rekwiżiti ta' dan ir-regolament.

Ir-Rapporteur jilqa' l-proposta u jfittex li jiżgura li l-bonds ekoloġiċi Ewropej jilhqqu l-potenzjal tagħhom li jffinanzjaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli. Sabiex jinkiseb dan, għandhom jiġu rrispettati erba' prinċipji ewlenin. L-ewwel nett, il-flus li jinġabru permezz tal-bonds ekoloġiċi Ewropej għandhom jiġu diretti lejn attivitajiet u kumpaniji li jidħlu fl-ekonomija sostenibbli li l-Ewropa qed tagħmel tranżizzjoni għaliha. It-tieni, il-benefiċċji tal-użu jew tal-investiment f'bonds ekoloġiċi Ewropej għandhom ikunu ċari għas-suq sabiex daww kollha li jistgħu jużaw l-istandard fil-fatt jużawh. It-tielet, l-istandard għandu jkun kredibbli permezz ta' proċess ta' rieżami trasparenti u kredibbli. Ir-raba', l-istandard għandu jwassal għal suq kbir u likwidu għall-bonds ekoloġiċi Ewropej.

Sabiex tiġi evitata aktar frammentazzjoni tas-suq tal-bonds ekoloġiċi, l-istandard Ewropew għandu jaderixxi bis-sħiħ mal-ambizzjoni tal-Ewropa li tagħmel tranżizzjoni għal ekonomija sostenibbli. Madankollu, biex jiġi żgurat li r-rikavati kollha mill-bonds ekoloġiċi Ewropej imorru għal proġetti u emittenti li jidħlu fl-ekonomija sostenibbli, l-introduzzjoni ta' allinjament sħiħ mat-tassonomija tar-rikavati mill-bonds hija meħtieġa iżda mhijiex biżżejjed. Huma biss l-emittenti li għandhom stabbilita strateġija globali għall-adattament u l-vijabbiltà kontinwa tagħhom f'ekonomija sostenibbli li se jkunu jistgħu jużaw l-istandard għall-bonds ekoloġiċi Ewropej għall-użu maħsub tiegħu bħala għodda ta' tranżizzjoni. Bħala tali, ir-Rapporteur jobbliha lill-emittenti ta' bonds ekoloġiċi Ewropej jadottaw pjanijiet ta' tranżizzjoni biex jilhqqu emissjonijiet żero netti sal-2050. Skont l-istess raġunament, u minħabba l-ħajja twila tagħhom, l-impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-gass fossili ma għandhomx post fl-ambizzjoni tal-Ewropa li tilħaq in-newtralità klimatika sal-2050 u ma għandhomx jiġu ffinanzjati permezz ta' bonds ekoloġiċi Ewropej. Dan huwa konformi mal-

prattiki attwali tas-suq dwar il-bonds ekoloġiċi. Barra minn hekk, ir-Rapporteur jemmen li l-
ħolqien ta' ekonomija verament sostenibbli jirrikjedi li l-Unjoni tgħaqqad l-ambizzjonijiet
ambjentali mal-ambizzjonijiet soċjali. Tranżizzjoni soċjalment inklużiva biss se tkun
aċċettabbli għaċ-ċittadini. Bħala tali, l-emittenti ta' bonds ekoloġiċi Ewropej ma jistgħux
jipprovaw jevitaw it-taxxa permezz ta' pajjiżi elenkati fil-lista tal-UE ta' guriżdzjonijiet li ma
jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa, u fil-prinċipju jeħtiġilhom iqisu l-impatti negattivi tal-
investimenti tagħhom fuq fatturi ta' sostenibbiltà, inklużi fatturi soċjali bħall-inugwaljanza, il-
koeżjoni soċjali, l-integrazzjoni soċjali u r-relazzjonijiet tax-xogħol.

Sabiex jiġi żgurat li l-benefiċċji tal-użu ta' bonds ekoloġiċi Ewropej huma ċari għas-suq, dawn
il-bonds għandhom ikunu komparabbli ma' ħarġiet ta' bonds sostenibbli oħra. Hija meħtieġa
data komparabbli għall-investituri biex jieħdu deċizzjoni infurmata bejn tipi differenti ta' bonds
sostenibbli. Bħala tali, ir-Rapporteur ifittex li jintroduċi format standardizzat ta' żvelar għal
kull ħruġ ta' bond sostenibbli, kemm jekk ikunu bonds ekoloġiċi Ewropej kif ukoll jekk ikunu
tipi oħra ta' bonds sostenibbli. Sabiex tiġi żgurata l-affidabbiltà ta' dan l-iżvelar, dawn
għandhom jiġu vverifikati permezz tal-istess proċess ta' rieżaminaturi esterni bħall-bonds
ekoloġiċi Ewropej. L-introduzzjoni ta' rekwiżiti ta' żvelar għas-suq tal-bonds sostenibbli sħiħ
għandha l-benefiċċju addizzjonali li tnaqqas l-iskop għall-greenwashing permezz ta' tali bonds
sostenibbli alternattivi, inkluż permezz ta' bonds marbuta mas-sostenibbiltà. Dan se jillimita
d-danni potenzjali lill-investituri f'dawn il-bonds u jżid l-affidabbiltà fis-suq tal-bonds
sostenibbli kollu.

Sabiex jiġi żgurat proċess ta' rieżami kredibbli, l-indipendenza tar-rieżaminaturi esterni
għandha tiġi ggarantita sal-ogħla grad possibbli. Sabiex jinkiseb dan, ir-Rapporteur
jissuġġerixxi rekwiżiti addizzjonali relatati ma' kunflitti ta' interess possibbli, inkluż permezz
tal-azzjonisti, tnaqqis fil-kapaċità tar-rieżaminaturi esterni li jesternalizzaw aspetti essenzjali
tal-proċess ta' rieżami, u li l-ESMA tingħata l-mandat li tkompli ssaħħaħ il-miżuri ta' kunflitt
ta' interess abbażi tal-esperjenza li tinkiseb mis-superviżjoni tas-suq. Ir-Rapporteur jintroduċi
wkoll it-trasparenza fit-tariffi mħallsa u l-obbligu li jintlaħaq qbil dwar it-tariffi qabel ma jsir
ir-rieżami.

Suq kbir u likwidu għall-bonds ekoloġiċi Ewropej huwa essenzjali biex jinċentiva l-
investment fil-bonds ekoloġiċi Ewropej u ħarġiet ta' aktar minnhom. Suq kbir jista' jiġi
stimulat l-ewwel billi l-korpi u l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu obbligati jużaw it-tikketta ta'
bonds ekoloġiċi Ewropej għall-bonds kollha tagħhom li huma ambjentalment sostenibbli. It-
tieni, il-bond għandu jaderixxi max-xewqat ta' investituri potenzjali. Bħala tali, huwa
essenzjali li, f'konformità mal-prattika attwali tas-suq dwar il-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi, il-
ġenerazzjoni tal-enerġija nukleari ma tiġix iffinanzjata minn bonds ekoloġiċi Ewropej. It-
tjelet, l-istandard għandu jiġi introdott gradwalment u l-investituri għandhom ikunu konxji li
se jsir l-istandard obligatorju għall-ħruġ ta' bonds ambjentalment sostenibbli fil-futur qrib.
Fl-aħħar nett, l-istandard tal-bonds għandu jkun faċli biex jintuża u aċċessibbli għall-
emittenti. Għal dan il-għan, ir-Rapporteur ifittex li jiżgura li f'każ ta' bidliet fl-atti delegati
skont ir-Regolament dwar it-Tassonomija, l-emittenti ma għandhomx għalfejn jallokaw mill-
ġdid ir-rikavati tal-bonds tagħhom. Ir-Rapporteur ifittex ukoll li jippermetti xi klemenza fil-
finanzjament ta' proġetti bir-rikavati minn bonds ekoloġiċi Ewropej fejn għadha ma nġabret l-
ebda data li turi li ma ġiet ikkawżata l-ebda ħsara sinifikanti għal kwalunkwe objettiv
ambjentali skont ir-Regolament dwar it-Tassonomija. Barra minn hekk, ir-Rapporteur
jintroduċi mekkaniżmu ta' rieżami li fih il-Kummissjoni tista' tivvaluta l-ostakli potenzjali fil-
ħruġ ta' bonds ekoloġiċi Ewropej.

Ir-Rapporteur qed jistenna bil-ħerqa l-kuntatt ma' emittenti potenzjali ta' bonds ekoloġiċi Ewropej biex tkompli tiġi rfinata l-proposta u jiġi inċentivat il-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi Ewropej ħalli tiġi ggarantita għodda ta' suċċess għat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli.